Vol 31
Nru 169
Lulju - Settembru 2010

# L-ART Imqaddsa

RIVISTA BIBLIKA



# L-Art Imqaddsa

Rivista Biblika
li toħroġ kull tliet xhur
mill-Kummissarjat tal-Art
Imqaddsa tal-Provinċja
Franġiskana Maltija

EDITUR:
P. Twanny Chircop OFM
Kummissarju
tal-Art Imqaddsa

GRAFIKA:
P. Joseph Magro OFM



BORD EDITORJAL:
P. Marcello Ghirlando OFM
P. Noel Muscat OFM
Mr. Louis Casha



DISTRIBUZZJONI:
Fra. Lorrie Zerafa OFM

ABBONAMENT:
€10 fis-sena
€15 jew aktar Sostenitur



Kummissarjat
tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta.
Tel: 21 242254
Fax: 21 252031



ISSETTJAT U STAMPAT:
Best Print Co. Ltd



Il-Materjal kollu li
jidher f'din ir-Rivista huwa
Copyright © tal-Kummis-
sarjat tal-Art Imqaddsa u
l-Edizzjoni TAU, 2010



comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt


Qoxra Quddiem:
*L-Għolja ta' Nabi Samwil*

# Werrej




5





16





23

27




5 Nabi Samwil

16 Jom Kippur - Jum il-Maħfra - Jum it-Tpattija

23 L-Attenzjoni ta' Ġesù lejn in-nisa f'Luqa (2)

27 Il-Via Dolorosa (3)

36 Il-Parabboli ta' Ġesù fil-Vanġeli Sinottiċi

41 Saċerdozju ta' Kristu fl-ittra lil-Lhud (2)




36

# Editorjal

ta' P. Twanny Chircop ofm



## NEGOZJATI U POLITIKA FL-ART IMQADDSA

F'dawn l-aħħar ġimgħat qegħdin nassistu għat-taħdidiet bejn il-Prim Ministru Israeljan Binyamin Netanjahu u l-President Palestinjan Mahmoud Abbas. Dawn it-taħdidiet saru possibbli wara żmien twil ta' nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet, bl-inizjattiva tal-President Amerikan Obama. Hekk il-process ta' paci reġa' beda miexi, għalkemm b'passi ta' nemla, bl-għajnuna ta' l-Istati Uniti, tan-Nazzjonijiet Uniti, tal-Unjoni Ewropea u tar-Russja.

L-iskop tan-negozjati hu dak li, fi żmien sena, il-partijiet jaslu għal ftehim li jiggarantixxi lil Israel sigurtà u lill-Palestinjani jagħtihom id-dritt li jkollhom Stat sovran. Fuq il-karta kollox jidher car, imma mhux daqshekk ċar fil-prattika. Naraw ftit kif dawn in-negozjati jridu jqisu l-politika diverġenti taż-żewġ naħat.

Israel jaqbel li l-Palestinjani jkollhom Stat. Imma dan irid ikun Stat demilitarizzat. Dan l-iStat suppost li jkopri t-territorji okkupati minn Israel wara l-gwerra tal-1967, jiġifieri x-Xatt tal-Punent u l-iStrixxa ta' Gaża. Fil-fatt, l-iStat Palestinjan li jipproponi Israel ikopri biss 60 fil-mija minn din l-art. Ikun imdawwar kollu kemm hu minn territorju Israeljan, hekk li l-wied tax-xmara Ġordan, li suppost li jifforma l-fruntiera naturali mal-Ġordanja, jibqa' f'idejn il-militar Israeljan. Fil-kumplament tat-territorju Israel bena mal-100 insedjament, li fosthom hemm bliet kbar, bħal Ma'ale Adummim, Ariel, Har Homa, u Gush Etzyon, li fihom jgħixu mal-

*...editorjal*

## *Negozjati u Politika fl-Art Imqaddsa*



500 elf Israeljan, u li jdawru bliet oħrajn Palestinjani, bħal Betleħem u Ramallah. L-għejun prezzjużi tal-ilma, tant skars fuq l-għoljiet tas-Samarija u l-Lhudija, jibqgħu taħt proprjetà Israeljana. Fuq kollox, Israel mhux lest li jaċċetta li l-parti tal-lvant ta' Ġerusalemm tkun il-belt kapitali tal-Palestina, għax iqis lil Ġerusalemm magħquda bħala l-belt kapitali eterna ta' Israel.

Il-Palestinjani jridu Stat li jkopri t-territorju kollu li Israel okkupa fl-1967, u li fih il-Palestinjani jkunu jistgħu jivjaġġaw liberament, bla *road blocks* u *check points*. Iridu li jkun hemm kurridur naturali bejn Gaża u x-Xatt tal-Punent, u li l-Palestina jkollha fruntiera mal-Ġordanja u ma tkunx imdawra biss b'territorju Israeljan. Iridu li Israel jieqaf darba għal dejjem mill-bini ta' insedjamenti, u fejn dawn huma kbar wisq biex jinħattu Israel irid jirrestitwixxi lill-Palestina art oħra mit-territorju tiegħu. Iridu li perċentwal almenu mir-rifuġjati Palestinjani mkeccija fl-1967 jerġgħu lura fl-art ta' missirijiethom, u li Ġerusalemm tal-lvant tkun il-kapitali tal-Palestina.

Quddiem dawn iż-żewġ pożizzjonijiet jidher mill-ewwel kemm hu diffiċli li l-partijiet jaslu għal xi ftehim, almenu jekk mhux imġegħlin minn pressjoni minn barra. Min-naħa Israeljana hemm elementi estremisti fil-gvern ta' Netanyahu, fosthom il-Ministru tal-Affarijiet Barranin Avigdor Liebermann, li jinsisti li għandu jkun hemm separazzjoni mhux fuq bażi territorjali, imma fuq kif, fil-fatt, hi mqassma l-popolazzjoni llum f'Israel u fit-Territorji Okkupati. B'hekk Israel jirriżulta pajjiż b'karattru Lhudi biex minnu jibqgħu barra l-Palestinjani, anke dawk li jgħixu bħala cittadini Israeljani fil-Galilija. Min-naħa Palestinjana hemm il-problema tal-firda bejn iż-żewġ partiti ta' Fatah, li jmexxi x-Xatt tal-Punent, u tal-Ħamas, li jmexxi l-iStrixxa ta' Gaża. Sakemm tibqa' din il-firda tkun ħolma l-possibilità ta' ħolqien ta' Stat Palestinjan unitarju mibni fuq stil demokratiku.

Xi jkun ifisser dan kollu għall-insara u l-patrijiet Franġiskani fl-Art Imqaddsa? Ikun ifisser li, aktar ma ssir separazzjoni bejn Stat u ieħor, aktar se jkun diffiċli li jkun hemm kuntatt bejn l-insara, per eżempju, li jgħixu f'Ġerusalemm u f'Betleħem. Il-firda diġà bdiet tinħass. Postijiet bħal Emmaws issa huma maqtugħin barra, u ħafna pellegrini mhux qed jaslu f'dan is-santwarju hekk għażiż. Ftit jafu li n-negozjati tal-paci jaslu biex joħolqu żewġ Stati, imma li, fil-fatt, din ir-realtà tkabbar il-firda u d-diffikultajiet bejn parti u oħra aktar milli ssolvihom. Tidher ironija, imma hekk hi fil-fatt. Min jgħix fl-Art Imqaddsa jaf eżattament dak li qed ngħidu.




# NABI SAMWIL

*Noel Muscat ofm*

Nabi Samwil (Nebi Samuil) hu post qaddis għal-Lhud, Insara u Musulmani, li jinsab fuq il-quċċata ta' għolja (890 metru), xi 5 kilometri lejn ix-xaqliba tat-Tramuntana ta' Ġerusalemm, fejn jinsab iċ-ċenotafju tifkira tal-Profeta Samwel. Din hi l-ogħla quċċata madwar Ġerusalemm, u l-Kruċjati kienu jsejħulha *Mons Gaudii*, il-muntanja tal-ferħ, għax minn fuqha kienu jilmħu għall-ewwel darba l-belt il-qaddisa ta' Ġerusalemm. Minn fuq din l-għolja tidher il-belt Palestinjana ta' Ramallah, u l-irħula viċini ta' Beit Iksa, al-Jib, Beit Hanina u Biddu.

Il-pożizzjoni strateġika ta' l-għolja, li kienet tiddomina t-toroq li minn Ġerusalemm kienu jinżlu lejn il-kosta tal-Mediterran, kif ukoll it-toroq li kienu jagħtu lejn is-Samarija, fuq ix-xaqliba tat-tramuntana, tagħmel minn Nabi Samwil sit arkeoloġiku ta' importanza kbira fl-istorja reliġjuża u politika tal-poplu Lhudi. Illum il-ġurnata għadha tidher il-moskea bil-minaret li jiddomina l-għolja, u li taħtha hu vvenerat il-qabar tal-Profeta Samwel.

## Storja biblika ta' Nabi Samwil

It-tradizzjoni tassoċja Nabi Samwil mal-belt biblika ta' Rama, il-post li fih ġie midfun il-profeta Samwel. "U Samwel miet, u l-Israelin inġabru kollha u bkewh u difnuh f'daru, f'Rama" (1Sam 25,1). "Samwel kien miet, u kien bkieh Israel kollu, u difnuh fil-belt tiegħu ta' Rama" (1Sam 28,3). L-isem Rama, jew Ramathaim-Sophim, jirreferi għar-raħal Għarbi ta' Er-Ram, bejn Ġerusalemm u Ramallah, ħdejn l-ajruport

ta' Atarot fuq it-tramuntana ta' Gabaath-Saul (Tel el Ful). Il-kittieba tal-qedem mhux l-ewwel darba li ħalltu dawn il-postijiet. Ewsebju ta' Ċesarija u San Ġilormu fir-4 seklu jitkellmu minn Maspha (Misfa), filwaqt li d-djaknu Teodosju, fis-seklu 6 jitellem minn Rama. Jidher li kien hemm taħwida bejn Misfa ta' Efrajm (Rama) u Misfa ta' Benjamin (Mħ 20,1-3), li tikkorrispondi għall-għolja ta' Tel el-Nasbeh, xi 13-il kilometru lejn it-tramuntana ta' Ġerusalemm, illum fit-territorju ta' Ramallah. Imma studji moderni jidentifikaw Nabi Samwil pjuttost mas-sit bibliku ta' Misfa (Mizpa), li kien ċentru importanti ta' kult fuq din l-għolja li kienet tappartjeni lit-tribù ta' Benjamin (Ġoż 18,26). Bil-Lhudi l-isem Misfa jindika post għoli ta' osservazzjoni, u fil-Bibbja jissemmew diversi postijiet b'dan l-isem.

"L-Israelin kienu ħalfu f'Misfa u qalu: 'Ħadd minna ma jagħti 'l bintu lil xi ħadd minn Benjamin b'martu'. Imbagħad il-poplu mar f'Betel, u baqgħu hemm sa filgħaxija jibku quddiem Alla, għollew leħinhom u bkew biki kbir, u qalu: 'Għaliex, Mulej, Alla ta' Israel, ġara dan f'Israel, li naqset illum tribù f'Israel?' L-għada l-poplu bakkar, u bnew hemm altar, u offrew sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tas-sliem. U wlied Israel qalu: 'Hemm xi ħadd mit-tribujiet kollha ta' Israel li ma telax għal-laqgħa quddiem il-Mulej?' Għaliex kienu ħalfu bil-kbir għal min ma jitlax quddiem il-Mulej f'Misfa, u qalu: 'Nagħtuh il-mewt'. Ulied Israel għelew għal ħuhom Benjamin u qalu: 'Illum inqata' tribù minn Israel. X'se nagħmlu lil dawk li baqgħu minnhom biex ikollhom in-nisa? Aħna ħlifna bil-Mulej li ma nagħtuhomx mill-bniet tagħna b'nisa tagħhom'. U ssuktaw jgħidu: 'Min mit-tribujiet ta' Israel ma telax quddiem il-Mulej f'Misfa?'" (Mħ 21,1-8).

Fi żmien il-Profeta Ġeremija, Gedalija, bin Aħikam, li l-Babiloniżi kienu ħatruh gvernatur ta' Ġerusalemm wara li kaxkru l-popolazzjoni fl-eżilju fis-sena 587 q.K., kien jgħix f'Misfa u hemm ġie maqtul. "U ġara li, fis-seba' xahar, ġie Ismagħel bin Netanija, bin Elisama, minn nisel is-slaten u l-kbarat tas-sultan, u għaxra min-nies miegħu, għand Gedalija bin Aħikam, f'Misfa, u lkoll flimkien kielu l-ħobż f'Misfa. U Ismagħel bin Netanija ma' l-għaxra min-nies li kellu miegħu qamu għal Gedalija bin Aħikam, bin Safan, li s-sultan ta' Babilonja kien qiegħed gvernatur fuq il-pajjiż, darbuh bix-xabla, u qatluh" (Ġer 41,1-2).

Wara r-ritorn mill-eżilju, li seħħ qrib is-sena 520 q.K. wara l-editt ta' Ċiru fis-sena 538 q.K., in-nies ta' Misfa ħadu sehem fit-tiswijiet tal-ħitan ta' Ġerusalemm u fil-bini tat-Tieni Tempju, qrib is-sena 445 q.K. "Lil hinn minnhom għamlu tiswijiet Melatija l-Gibgħoni u Ġadon il-Meronoti, u nies minn Gibgħon u Misfa, li kienu jaqgħu taħt l-awtorità tal-Gvernatur ta' l-inħawi n-naħa l-oħra ta' l-Ewfrat" (Neħ 3,7).

"Għeser bin Ġożwè, kap ta' Misfa, sewwa biċċa oħra, minn biswit l-Għolja ta' l-Armerija fir-rokna" (Neħ 3,19).

L-importanza ta' dan is-sit ta' Misfa, jew l-għolja ta' Nabi Samwil, bħala post ta' kult tal-Lhud matul il-perjodu Ellenistiku jidher evidenti mill-fatt rakkontat fl-1 Ktieb tal-Makkabin 3,46, u datat għas-sena 165 q.K.: "U huma nġabru u marru f'Misfa biswit Ġerusalemm, għax Misfa fl-imgħoddi kienet post ta' talb għal Israel". Il-fatt li Misfa kienet qrib ta' Ġerusalemm u l-fatt li fl-iskavi arkeoloġiċi nstabu fdalijiet mill-perjodu li jmur mill-Ewwel Tempju sa żmien l-Asmonej, wassal biex l-arkeoloġi qablu li jidentifikaw l-għolja ta' Nabi Samwil mas-sit bibliku ta' Misfa.

Teżisti wkoll it-teżi li Nabi Samwil hu l-post bibliku ta' Gibgħon jew Gabaon (1Slat 3,4) fejn Salamun mar iqim lil Alla u talbu jagħtih id-don ta' l-għerf. "U mar is-sultan f'Gibgħon joffri s-sagrifiċċji hemm, għax fost is-santwarji dak kien l-aqwa wieħed".

## L-iskavi arkeoloġiċi u l-istorja ta' Nabi Samwil

Saru skavi arkeoloġiċi intensivi fuq Nabi Samwil mill-1992 sa l-1999. Fuq ix-xaqliba tax-xlokk tas-sit, instabu fdalijiet antiki ta' l-ewwel insedjament, li b'mod mirakoluż ma kinux ġew meqruda meta l-Kruċjati kienu bnew din iż-żona minħabba motivi reliġjużi (il-qima lejn il-Profeta Samwel) u minħabba l-pożizzjoni strateġika tagħha. L-iskavi ħarġu wkoll għad-



*Nabi Samwil fl-1914*

dawl il-fortizza Kruċjata u l-fortifikazzjonijiet tagħha, kif ukoll bini ieħor barra mill-ħitan tal-fortizza.

L-ewwel insedjament uman fuq Nabi Samwil imur lura għal tmiem il-perjodu ta' l-Ewwel Tempju (8-7 seklu q.K.) u baqa' jeżisti matul il-perjodu Persjan (6-4 seklu q.K.). Id-diversi fdalijiet ta' fuħħar li nstabu ġie li kellhom fuqhom l-iskrizzjoni ta' l-ittri 'yhd' li tindika l-isem tal-provinċja tal-Lhudija taħt il-ħakma Persjana. Dan ir-raħal kien agrikolu, u f'din iż-żona kien jikber il-qamħ, iż-żebbuġ, it-tin, l-għeneb. In-nixxiegħa fuq ix-xaqliba tat-tramuntana ta' l-għolja kienet toffri l-ilma meħtieġ fir-raħal.

Fil-perjodu Ellenistiku (2-1 seklu q.K.) inbena raħal kbir bi skop ta' difiża tat-triq li kienet twassal lejn Ġerusalemm min-naħa tat-tramuntana. L-iskavi kixfu bosta fdalijiet ta' djar mibnijin fuq l-għolja. Xi wħud mill-ħitan, li baqgħu preservati sa 4.5 metri għoli, jindikaw li kienu djar b'żewġ sulari. Instabu ġwiebi maqtugħin fil-blat, li kienu jiggarantixxu l-ilma lir-residenti tar-raħal.

San Ġlormu, li għex fl-Art Imqaddsa fis-snin 384-420, jixhed li l-Profeta Samwel kien midfun fl-Art Imqaddsa, imma li l-għadam tiegħu mbagħad ittieħed fil-belt ta' Kalċedonja fl-Asja Minuri. Kien proprju fil-perjodu Biżantin (sekli 4-7 w.K.) li fuq Nabi Samwil inbena monasteru ad unur tal-Profeta Samwel, li sar post ta' pellegrinaġġ u ta' waqfa għall-

*Dehra ġenerali ta' Nabi Samwil*



pellegrini Kristjani li kienu jitilgħu lejn Ġerusalemm minn dawn l-inħawi. Il-monasteru ġie restawrat u mkabbar fi żmien l-Imperatur Ġustinjanu, lejn nofs is-seklu 6 w.K., u baqa' jeżisti wkoll fl-ewwel perjodu tal-ħakma Għarbija ta' l-Art Imqaddsa (7 seklu). Imma meta waslu l-Kruċjati fl-Art Imqaddsa, fis-sena 1099, sabu li l-monasteru kien kważi meqrud għal kollox. Mill-monasteru Biżantin fadal biss biċċa mill-paviment tal-mużajċi u post għall-għasir ta' l-għeneb. Imma fiż-żona nstabet kwantità ta' muniti ta' l-epoka Biżantina, li tixhed li dan il-post kien okkupat fis-sekli li fihom il-Palestina kienet kollha kemm hi Kristjana.

Jidher ukoll, mir-riżultati ta' l-iskavi arkeoloġiċi, li din il-għolja kienet ċentru ta' produzzjoni ta' oġġetti tal-fuħħar fi żmien il-ħakma Għarbija, bejn l-era Biżantina u dik Kruċjata. Instabu diversi fran tal-fuħħar, bis-soqfa forma ta' koppla, kif ukoll diversi ġarar li fihom iskrizzjonijiet bl-Għarbi, bħalma huma "Barkiet lil Yusuf", "Barkiet lil Suleiman", kif ukoll instabu diversi bl-isem "Dejr Samwil", jiġifieri l-monasteru ta' Samwel.

Meta l-armati Kruċjati qorbu lejn Ġerusalemm, fis-7 ta' Lulju 1099, huma waqfu fuq l-għolja ta' Nabi Samwil, u minn hemm fuq, wara vjaġġ epiku ta' tliet snin, huma lemħu għall-ewwel darba l-Belt il-Qaddisa ta' Ġerusalemm. Għaldaqstant sejħu din l-għolja bl-isem Latin ta' "Mons Gaudii", il-muntanja tal-ferħ. Hemm fuq huma bnew fortizza biex jiddefendu t-triq li mit-tramuntana twassal Ġerusalemm. L-iskop tal-fortizza kien ukoll dak li l-pellegrini jkunu jistgħu jsibu kenn fl-aħħar waqfa fi triqithom biex mill-kosta tal-Palestina jitilgħu lejn Ġerusalemm. Il-Kruċjati bnew fil-fortizza knisja fl-1157 fuq il-qabar tradizzjonali tal-Profeta Samwel.

Il-fortizza Kruċjata kienet rettangolari (100 metru b'67 metru) u kienet imdawra bil-ħitan u kellha l-knisja fiċ-ċentru tagħha. Il-ġebel li bih inbniet il-fortizza qatgħuh mill-istess għolja, billi qatgħu l-blat forma ta' rdum biex miegħu qabbdu s-swar tal-fortizza. Fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar u tal-punent il-Kruċjati bnew terrazzin kbir biex fuqu jkunu jistgħu jgħollu l-bażi tal-fortizza. Il-ħitan kienu 2 metri ħoxnin u l-fortizza kienet imħarsa minn torri għoli fuq ix-xaqliba tal-lbiċ, u minn torri iżgħar fuq ix-xaqliba tal-majjistral. Kellha wkoll torri fuq ix-xaqliba tan-nofsinhar.

Il-ħajt tal-punent tal-fortizza kellu żewġ bibien, li minnhom wieħed kien jgħaddi biex jidħol fil-fortizza. Dawn il-bibien kienu jdaħħluk direttament fi pjazza li fiha kien hemm mibnija l-knisja. Wieħed mill-bibien kien idaħħal fil-fortizza permezz ta' pont, mibni fuq arkati. Fuq in-naħa tal-lbiċ tal-fortizza kien hemm żewġt iswali taħt l-art, li kellhom saqaf bil-volta. Dawn kienu jserrħu fuqhom il-pjazza u kienu jintużaw bħala mħażen.

Mill-knisja sabiħa Kruċjata li kienet tokkupa ċ-ċentru tal-fortizza baqa' biss xi ftit elementi arkitettoniċi, fosthom xi kaptelli u kolonni tar-rħam, li nstabu fl-iskavi. Kienu l-Kanoniċi Regolari Premonstratensi li, bl-għajnuna tar-Re Latin ta' Ġerusalemm Baldovino II bnew knisja kbira u abbazija fuq Nabi Samwil, fis-snin 1131-1151 u semmewha "San Samuel de Montealegre". Illum il-ġurnata mill-knisja Kruċjata fadal biss transett wieħed li hu okkupat mill-moskea. Taħt il-moskea jinsab il-qabar tradizzjonali tal-Profeta Samwel, immarkat minn ċenotafju, li wieħed kien jinżel għalih b'taraġ mill-knisja.

Il-fortizza kellha żona miftuħa li kienet tintuża mill-armata Kruċajta, u minn gruppi ta' pellegrini. Kellha wkoll stalel għaż-żwiemel. Il-fortizza nqerdet fl-1187 mill-Musulmani, taħt it-tmexxija ta' Salah ed-Din, meta dan kien qiegħed iħejji biex jieħu f'idejh il-belt ta' Ġerusalemm mill-Kruċjati, wara t-telfa umiljanti li kienu sofrew f'Qarne Ħattin fil-Galilija, fl-4 ta' Lulju ta' dik is-sena. Il-Musulmani aktar tard qerdu għal kollox il-fortizza, biex hekk ma terġax tintrebaħ mill-Kruċjati.

Fis-sekli ta' wara, Nabi Samwil, bħala l-post tradizzjonali tal-qabar tal-Profeta Samwel, sar ċentru ta' pellegrinaġġ għal-Lhud, imma fl-1730 inbniet moskea fuq din il-għolja, li għadha tidher sallum u li l-minaret tagħha jidher ċar minn ħafna kilometri bogħod madwar Ġerusalemm. Il-moskea, kif għidna, tokkupa ċ-ċentru tal-binja li kienet il-knisja Kruċjata. Fl-1917 il-moskea sofriet ħsarat kbar waqt battalja bejn il-qawwiet militari Britanniċi u Torok fuq din il-għolja. Wara l-Ewwel Gwerra Dinjija l-moskea ġiet restawrata kif għadha tidher sallum.

## Il-figura tal-Profeta Samwel fl-Iskrittura

Il-Profeta Samwel jissemma fl-Ewwel Ktieb ta' Samwel bħala l-aħħar wieħed fost l-Imħallfin u dak li Alla jaħtru bħala profeta biex jidlek slaten l-ewwel lil Sawl u mbagħad lil David. Il-perjodu storiku hu dak li jifred l-era ta' l-imħallfin minn dik tas-slaten (1050-1010 q.K.). Ir-rakkont tat-twelid u t-tfulija ta' Samwel jinsab fl-1Sam 1-2. Elkana, li kellu bħala t-tieni martu lil Anna, tela' fis-santwarju ta' l-arka tal-patt f'Silo, fejn kien hemm il-qassis Eli. Anna kienet sterili u quddiem Alla tibda titlob b'ħafna lfiq u dmugħ biex Alla jagħtiha tifel, u twiegħed li toffrih b'servizz lil Alla għal ħajtu kollha. Alla jisma' t-talba ta' Anna li jkollha tifel u ssemmih Samwel "għaliex – kif qalet hi – tlabtu lill-Mulej" (1Sam 1,20).

Il-kapitlu 3 jirrakkonta l-ġrajja tal-vokazzjoni ta' Samwel. "Samwel kiber, u l-Mulej kien miegħu, u ma ħalla ebda kelma milli qal tmur fix-xejn. U Israel kollu, minn Dan sa Birsaba, għaraf li Samwel kien tassew profeta tal-Mulej, u l-Mulej baqa' jidher f'Silo, għax hemm kien għarraf lilu nnifsu lil Samwel,

f'Silo, permezz tal-kelma tal-Mulej" (1Sam 3,19-21).

Fil-kapitlu 7 jiġi rrakkontat il-fatt ta' Samwel li jsir imħallef tal-poplu u li jiġma' lill-poplu appuntu f'Misfa, jiġifieri fuq l-għolja ta' Nabi Samwil, li baqgħet marbuta ma' ismu: "Kien għadda ħafna żmien – għoxrin sena – mindu l-arka kienet waqfet f'Kirjat-Ġegħarim, u d-dar kollha ta' Israel bkew u daru lejn il-Mulej. U Samwel kellem lid-dar kollha ta' Israel: 'Jekk intom terġgħu lura b'qalbkom kollha għand il-Mulej, neħħu minn nofskom 'll-allat barranin u lil Għastarot, orbtu qalbkom mal-Mulej, u aqdu lilu biss, biex hu jeħliskom minn id il-Filistin'. U wlied Israel warrbu minn nofshom 'll-allat Bagħlim u Għastarot, u bdew jaqdu lill-Mulej waħdu. Samwel qalilhom: 'Ħa jinġabar Israel kollu f'Misfa, biex nitlob lill-Mulej għalikom'. U huma ltaqgħu f'Misfa, mlew l-ilma u sawwbuh quddiem il-Mulej; u dak in-nhar samu u qalu: 'Dnibna quddiem il-Mulej'. U f'Misfa Samwel sar imħallef fuq Israel [...] U Samwel kien imħallef ta' Israel il-jiem kollha ta' ħajtu; u minn sena għal sena kien imur u jdur Betel, Gilgal u Misfa u jagħmel il-ħaqq 'il Israel f'dawn l-inħawi kollha. Imbagħad kien jerġa' lura f'Rama, fejn kellu daru, u hemm kien jagħmel ħaqq 'il Israel u hemm ukoll bena altar lill-Mulej" (1Sam 7,2-6; 15-17).

Il-Profeta Samwel jidher mela bħala mexxej reliġjuż u anke politiku, li jiġma' 'l Israel biex jagħmel gwerra lill-Filistin, li kienu jitilgħu għalih fuq



*Il-Moskea ta' Nabi Samwil*

l-għoljiet mill-pjanura tal-kosta. Jerġa' jidher fl-istorja tal-bidu tal-monarkija, meta l-poplu ta' Israel jiġi għand Samwel f'Rama u jitolbuh li jaħtar sultan fuqhom. "Ix-xjuħ kollha ta' Israel inġemgħu u marru għand Samwel f'Rama, u qalulu: 'Ara, int xjeħt, u wliedek ma qabdux triqtek. Issa għamlilna sultan biex imexxina bħall-ġnus l-oħra'. Dan li qalu: 'Agħtina sultan biex imexxina', ma għoġobx 'il Samwel, u mar jitlob quddiem il-Mulej. Il-Mulej wieġeb 'il Samwel: 'Isma' minn leħen il-poplu f'kull ma jgħidulek. Għax mhux lilek warrbu, iżda lili warrbu, biex ma nsaltanx fuqhom. Kull ma għamlu lili minn meta tellajthom mill-Eġittu sallum – telquni biex qabdu allat oħra – issa qegħdin jagħmluh lilek. Issa isma' minn kliemhom. Biss għidilhom u wrihom sewwa d-dritt tas-sultan li jsaltan fuqhom'" (1Sam 8,4-9).

Samwel kien kuntrarju li l-poplu jaħtar sultan, meta hu kien teokrazija, u kellu 'l Alla biss bħala l-veru kap tiegħu. Imma wara li jurihom kif is-sultan kellu jaħkem fuqhom u baqgħu jwebbsu rashom, fl-aħħar aċċetta. L-istorja ta' l-għażla ta' Sawl, l-ewwel sultan ta' Israel, tinsab fil-kapitlu 9. Storja interessanti li turi kif Kis, missier Sawl, mit-tribù ta' Benjamin, jibgħat 'l ibnu biex ifittex il-ħmir li kienu ntiflu. Sawl u l-qaddej kellu miegħu waslu fid-dar ta' Samwel u marru jitolbuh jgħinhom. Il-qaddej jgħid 'il Sawl: "Ara, f'din il-belt hawn raġel, bniedem ta' Alla, raġel stmat; kull ma jgħid, iseħħ. Issa mmorru hemm; għandu mnejn jgħidilna xi ħaġa fuq l-iskop li għalih qbadna t-triq" (1Sam 9,8). F'din is-silta jingħad li Samwel kien "ro'eh", jiġifieri veġġent (raġel tad-dehriet), kelma li turi l-ewwel elementi primittivi tal-profetiżmu f'Israel: "Dari



f'Israel hekk kien jgħid xi ħadd meta kien imur jistaqsi 'l Alla: 'Ejja mmorru għand il-veġġent, dak li jara', għax dak li llum isejħulu profeta, dari kienu jsejħulu veġġent" (1Sam 9,9). L-istorja tissokkta billi turi kif Samwel ikkonsagra 'l Sawl biż-żejt u għamlu prinċep fuq Israel (1Sam 9,26 – 10,27).

Fil-kapitlu 12 ta' l-1 Ktieb ta' Samwel insibu t-testment tal-Profeta Samwel, li jirtira minn imħallef tal-poplu biex hekk jirrenja Sawl. Imma s-sultan Sawl ma kienx jogħġob 'l Alla fl-għażliet li għamel, u għaldaqstant mill-ġdid Alla jinqeda b'Samwel biex din id-darba jaħtar sultan ġdid flok Sawl, jiġifieri 'l David. Fil-kapitlu 15 Samwel iċanfar lil Sawl talli ma kienx qered għal kollox lil Għamalek skont il-kmand tal-Mulej. "U Sawl qal lil Samwel: 'Dnibt għax ksirt il-kelma tal-Mulej u kelmtek, għax bżajt mill-poplu u smajt minn kliemhom. Issa aħfirli ħtijieti, u erġa' ejja miegħi biex nagħti qima lill-Mulej'. U Samwel qal lil Sawl: 'Ma nerġax niġi miegħek għax int warrabt il-kelma tal-Mulej, u l-Mulej warrab lilek, u int ma tibqax iżjed sultan fuq Israel'" (1Sam 15,24-26). "Imbagħad Samwel mar Rama, u Sawl reġa' tala' d-dar tiegħu f'Gibgħa ta' Sawl. Qatt iżjed, sa ma miet, ma ra Samwel lil Sawl. Samwel beka lil Sawl; imma Alla nidem li kien għamel lil Sawl sultan ta' Israel" (1Sam 15,34-35).

Hawnhekk tiġi x-xena ta' Samwel li Alla jibagħtu fid-dar ta' Ġesse f'Betleħem, biex minn fost uliedu jaħtar sultan. L-istorja tiġi rrakkuntata f'1Sam 16,1-13, u timmarka l-bidu tal-fedeltà ta' Alla lejn il-wegħdiet messjaniċi tiegħu bl-għażla tad-dinastija Davidika. "Il-Mulej qal lil Samwel: 'Qum u idilku, għax dan hu'. U Samwel ħa f'idejh il-qarn


*Rovini tal-Kastell ta' Nabi Samwil*

biż-żejt, u dilku quddiem ħutu. Minn dak in-nhar 'il quddiem niżel fuq David u ħakmu l-ispirtu tal-Mulej" (1Sam 16,12-13).

Samwel issa jisparixxi min-narrazzjoni, u nafu biss li miet f'Rama, fejn difnuh skont 1Sam 25,1 u 28,3. Imma l-mewt ta' Samwel ma timmarkax it-tmiem tad-dehra tiegħu fir-rakkont, għax il-Profeta Samwel jidher ukoll wara mewtu. F'1Sam 28,3-25 insibu r-rakkont ta' Sawl li, lejlet il-battalja fuq l-għoljiet ta' Gilbogħa, fil-Galilija, jmur jikkonsulta lil Samwel mejjet għand is-saħħara ta' Għajn-dor. Rakkont interessanti u uniku fil-Bibbja, li juri azzjoni ta' negromanzija li kienet ipprojbita mil-Levitiku 19,31: "La tmurx għand is-saħħara li jsejħu l-erwieħ u la tfittxux lil min jeħber". Minkejja dan Sawl, fid-disperazzjoni tiegħu u quddiem il-biża' tal-mewt imur ifittex lil Samwel, li kien l-uniku mexxej fid-deċiżjonijiet tiegħu, għalkemm kien infired minnu, kif rajna, minħabba d-diżobbidjenza ta' Sawl. Is-saħħara ta' Għajn-dor staqsiet lil Sawl lil min ried li hi tqajjimlu mill-mewt, u hu talabha lil Samwel. Imbagħad staqsiha: "X'sura għandu?" Hi wieġbet: "Raġel xiħ tiela', mkebbeb f'mantar". Dak il-ħin Sawl intebaħ li quddiemu kien hemm Samwel u niżel fl-art jagħtih qima (cfr. 1Sam 28,13-14). Imma Samwel din id-darba wkoll, li hi l-aħħar darba li niltaqgħu miegħu, jagħti tweġiba terribbli lil Sawl: "Samwel qal lil Sawl: 'Għalfejn qgħadt taqlagħni



u tellajtni hawn?' U Sawl wieġeb: 'Għandi dwejjaq kbar; il-Filistin għamluli gwerra, u Alla tbiegħed minni, u ma jweġibnix, la bil-profeti u lanqas bil-ħolm. Għalhekk jien sejjaħtlek biex tgħarrafni x'għandi nagħmel'. U Samwel wieġeb: 'Għalfejn tistaqsini, la darba l-Mulej tbiegħed minnek, u sar l-għadu tiegħek? Il-Mulej għamel miegħek kif kien tkellem permezz tiegħi, u ħataflek minn idek is-saltna, u taha lil David sieħbek. Għaliex int ma smajtx mill-kelma tal-Mulej, u ma għamiltx lil Għamalek skont ma ried hu fil-qilla tiegħu. Għalhekk għamillek dan il-Mulej illum. U l-Mulej jerħi wkoll lil Israel miegħek f'idejn il-Filistin, u għada int u wliedek tkunu miegħi; u l-kamp ukoll ta' Israel jerħih il-Mulej f'idejn il-Filistin" (1Sam 28,15-19). Din il-profezija terribbli seħħet l-għada, meta Sawl u ibnu Ġonatan, flimkien ma' l-armata kollha, sfaw immassakrati mill-Filistin fuq l-għoljiet ta' Gilbogħa.

Il-figura tal-Profeta Samwel tiġi mfaħħra fil-Ktieb ta' Bin Sirak 46:13-20. "Samwel kien maħbub mill-Mulej tiegħu; bħala l-profeta tal-Mulej waqqaf is-saltna, u bid-dilka ħatar mexxejja fuq il-poplu tiegħu. Għamel ħaqq mill-ġemgħa bil-Liġi tal-Mulej, u l-Mulej ħa ħsieb Ġakobb. Bil-fedeltà tiegħu deher li kien tabilħaqq profeta, u minn kliemu kont tara li kien ta' min joqgħod fuqu. Sejjaħ lill-Mulej, il-Qawwi, meta l-għedewwa tiegħu kienu qed irossu fuqu minn kull naħa, bl-offerta ta' ħaruf tal-ħalib. U l-Mulej riegħed mis-smewwiet, u samma' leħnu f'ħoss kbir; u ġieb fix-xejn il-mexxejja ta' Tir u l-kapijiet tal-Filistin. U qabel ma wasallu ż-żmien tal-mistrieħ ta' dejjem, xehed quddiem il-Mulej u l-midluk tiegħu: 'Ebda ġid, lanqas biss qorq, qatt ma ħadt lil ħadd'. U l-ebda bniedem ma qam jixlih. Saħansitra wara li miet ħabbar, u wera lis-sultan it-tmiem tiegħu, u mill-art għolla leħnu bil-profezija biex iħassar ħażen il-poplu".

Il-Profeta Samwel, għaldaqstant hu meqjum b'għożża kbira mil-Lhud, kif ukoll mill-Musulmani. Il-moskea ta' Nabi Samwil illum il-ġurnata hi ffrekwentata l-aktar mil-Lhud, li fil-post taċ-ċenotafju, fil-kripta tal-knisja Kruċjata, issa għandhom sinagoga. Minkejja li, kif rajna, l-post tad-dfin tal-profeta mhuwiex mija fil-mija ċert, imma l-għolja ta' Nabi Samwil tibqa' għat-tliet reliġjonijiet ewlenin ta' l-Art Imqaddsa ċentru ta' kult marbut ma' l-istorja reliġjuża tagħhom f'diversi perjodi, hekk li Nabi Samwil hu tassew post li għadu jiġbed venerazzjoni mil-Lhud, Insara u Musulmani, għax ifakkarna fi bniedem li mill-għolijiet għerja tal-Lhudija kien il-pijunier tal-profetiżmu fil-formazzjoni tal-bidu tal-poplu ta' Israel bħala werriet tal-wegħdiet messjaniċi magħmula lil David u lil nislu.



*Ċenotafju tal-Profeta Samwel*



*Nabi Samwil quddiem Ġerusalemm*



# JOM KIPPUR – JUM IL-MAĦFRA – JUM IT-TPATTIJA

***Dun Pawl Sciberras***

Fl-10 tax-xahar ta' Tixri, Settembru-Ottubru fil-kalendarju tagħna, il-Lhud kienu jiċċelebraw waħda mill-festi l-aktar importanti tagħhom, il-*Jom Kippur*. Ir-rabbini kienu jsejħu din il-festa sempliċememnt bl-isem ta' "Il-Jum", u saħansitra d-dettalji tat-tifsira u tat-tħejjija tagħha jinsabu mniżżla fil-Kummentarju tar-Rabbini, il-*Mixnà*, fit-trattat bl-isem ta' *Jomà*, kelma

Aramajka li tfisser "il-Jum".[1] Dan juri li d-dispjaċir tal-Lhud għan-nuqqasijiet tagħhom kien xi ħaġa kbira u kien mogħti prijorità assoluta, tant li l-jum meta kienet tintalab maħfra b'mod solenni u uffiċjali kien meqjus l-aqwa fost il-ġranet tas-sena. Kienet il-festa tal-Lhud madwar id-dinja kollha, l-aktar għaliex kienet festa mill-aktar partikolari kemm psikoloġikament u kemm spiritwalment.

Iżrael kien isejjaħ lilu nnifsu l-poplu magħżul u qaddis ta' Alla. Alla kien qata' lill-poplu Lhudi mill-popli l-oħra kollha, għamlu propjetà speċjali u partikolari tiegħu, biex ikun dak li juri 'l Alla l-Waħdieni bħala dak li hu l-Qaddis. Fil-fatt il-qdusija ta' Alla hi dik li taqtgħu għalih waħdu minn kull alla ieħor u tagħmel lil dak kollu li għandu b'xi mod x'jaqsam miegħu qaddis ukoll. Tkun qaddis ifisser tkun għal kollox ta' Alla, f'dak kollu li int u f'dak kollu li tagħmel.[2]

Il-Ktieb tad-Dewteronomju jgħid li Mosè u l-qassisin Leviti kellmu 'l Iżrael kollu u qalulhom: "Iskot u isma', Iżrael, illum inti sirt poplu tal-Mulej, Alla tiegħek. U smajt il-leħen tal-Mulej, Alla tiegħek, u inti għamilt l-ordnijiet tiegħu, u l-preċetti tiegħu, li jien ordnajtlek illum" (27,9-10). U Iżrael kien kburi tassew li hu l-poplu speċjali ta' Alla qaddis. "Għax inti poplu qaddis għall-Mulej, Alla tiegħek; minn fost il-popli kollha li jinsabu fuq wiċċ l-art, lilek għażel il-Mulej, Alla tiegħek biex tkun il-poplu miksub tiegħu (Dt 7,6).

Biex iżomm il-qdusija tiegħu, il-poplu kellu l-liġijiet partikolari tiegħu, l-aktar dawk li nsibu fil-Ktieb tal-Levitiku 17-26, imsejħa l-Kodiċi, jew il-Liġijiet tal-Qdusija. Kollox kien immirat li jagħmel lill-poplu Lhudi poplu qaddis: "Għandkom tkunu qaddisin, għax qaddis jien, il-





Mulej Alla tagħkom" (Lev 19,2).

Imma ġara li "huma warrbu l-Liġi tal-Mulej tal-eżerċti u stmerrew il-kelma tal-qaddis ta' Iżrael" (Iż 5,2): il-poplu l-magħżul waqa' u wettaq ħtijiet l-aktar koroh, ħtijiet li kellhom konsegwenzi kbar, kontra Alla u kontra bnedmin oħra. Kien jeħtieġ li ssir tpattija għalihom. Imma fuq kollox kien jeħtieġ li l-poplu jikkonverti, idur lejn Alla biex jaqla' l-maħfra u jerġa' jibda jkun il-poplu li hu: dak li juri f'għemilu stess il-qdusija ta' Alla.

L-Iskrittura tagħtina eżempji ċari ta' tliet għamliet ta' tpattija u penitenza:

1) dik INDIVIDWALI, bħal dik li għamel is-sultan Sawl (1Sam 15,24);

2) KOLLETTIVA, bħal dik li għamel il-poplu Lhudi wara li qiem l-għoġol tad-deheb (Eż 32,30); u

3) NAZZJONALI, meta n-nazzjon sħiħ ta' Iżrael darba fis-sena jagħmel il-penitenza u jitlob maħfra għall-ħtijietu kollha.[3]

Jum il-Maħfra jew it-Tpattija kien jum ikkaratterizzat minn sawma ta' jum sħiħ, li fiha wieħed ma seta' jieħu xejn, lanqas ftit ilma! F'din il-festa l-Qassis il-Kbir kien ikollu s-sehem ewlieni. Kien jinqata' mill-bqija tal-poplu sebat ijiem qabel, u waħdu kien jitlob u jagħmel penitenza għall-ħtijiet tiegħu nnifsu u għal-Lhud li fuqhom kien imqiegħed kap spiritwal u l-ewwel responsabbli għall-qdusija tagħhom.

Jum il-maħfra jitlob li wieħed jagħraf ħtijietu biex jagħmel tpattija tagħhom kif jixraq. Għalhekk il-Lhud kienu jinġabru madwar it-Tempju ta' Ġerusalemm u ma jagħmlu xejn li seta' b'xi mod iwarrbilhom ħsiebhom mill-għan ta' dak il-Jum. Ikel u xorb, kull ħasil, u tiżjin, kien kollu pprojbit li jsir f'dak il-jum. Projbizzjoni oħra għal dak il-jum kienet ix-xogħol: ħadd ma seta' jaħdem għax dak il-jum kien jum qaddis li fih kull Lhudi kellu jerfa' ħsiebu u qalbu b'mod speċjali u sħiħ lejn Alla biex il-poplu kollu jerġa' lura lejn il-Mulej Alla tiegħu, Alla l-Qaddis.

Wieħed mill-kittieba storiċi Lhud, Filun ta' Lixandra, jgħid li Jum it-Tpattija kellu tliet għanijiet: i) għan *penitenzjali*, biex Alla jilqa' s-sawm, it-talb u s-sagrifiċċji tal-poplu u jaħfirlu; ii) għan ta' *supplika*, li kienet issir fit-tempju u fis-sinagogi biex Alla jisma' t-talba ta' ndiema tal-poplu; iii) għan ta' *ferħ*, għall-maħfra li Alla jagħti lill-poplu wara li juri sogħba u ndiema ta' ħtijietu.[4]

It-tifsira tal-kelma "Kippur" tista' tgħidilna għaliex kienet festa daqstant importanti psikoloġikament u wkoll spiritwalment. Aktarx li "Kippur" ġejja mill-verb Lhudi bl-għerq *K-P-R*, li jfisser "tgħatti, taħbi, tostor". Id-dnub, minħabba li hu t-tebgħa kontra l-qdusija nfisha ta' Alla, li l-bniedem għandu x-xbieha tiegħu fih, jeħtieġ li jiġi mgħotti, mistur, biex ma jkomplix ikun it-tiċpisa fuq il-perfezzjoni ta' Alla nnifsu. Inkella l-midneb jixraqlu li jiġi mistur hu stess

u forsi wkoll imbiegħed mill-bqija tas-soċjetà u tal-poplu l-qaddis ta' Alla. Fil-*Jom Kippur* isseħħ din it-tindifa, din is-satra tad-dnubiet u l-bniedem jiġi meħlus mill-passat imtebba' tiegħu. Kienu x'kienu l-iżbalji tiegħu, il-ħtijiet tiegħu u dnubietu, issa jiġi meħlus minnhom ħalli terġa' tleħħ fih ix-xbieha qaddisa ta' Alla. L-idea li d-dnub jiġi mistur, u mhux imnaddaf jew imħassar għal kollox daqslikieku qatt ma eżista, aktarx ġejja mill-kuxjenza tal-Lhud li d-dnub, darba jsir, jibqa' jkollu konsegwenzi u effetti fuq min jagħmlu, fuq min isir kontrih u fuq is-soċjetà in ġenerali.

Min jiddeċiedi li jerġa' jdur lejn Alla u jikkonverti, iqiegħed mistoqsijiet dwar kif qiegħed jgħix, u jikseb ħelsien sħiħ. Hemm tliet mogħdijiet li wieħed jista' jaqbad biex jikseb din it-tpattija u ħelsien:

1) it-*talb*, li fih jiġu magħrufa l-ħtijiet u t-tpattija mfittxija;

2) is-*sawm*, biex wieħed ikun jista' jingħata b'mod sħiħ għal din it-tfittxija ta' qawmien spiritwali;

3) il-*karità*, bil-Lhudi "*zedakà*" (fil-Malti għandna l-kelma *sedqa*).

Il-personaġġ l-aktar ċentrali u importanti fil-festa tal-Espjazzjoni kien ikun il-Qassis il-Kbir; għaliex dan kellu jagħmel "it-tpattija għalih innifsu, għal daru u għall-poplu kollu ta' Iżrael" (Lev 16,11). Il-funzjoni liturġika kollha, l-ilbies li kien jilbes u b'mod partikolari f'Jum l-Espjazzjoni, il-plakka bi tnax-il ħaġra prezzjuża li tkun fuq sidru (simbolu tat-tnax-il tribù ta' Iżrael), id-daqq tat-trombi tal-fidda msieħeb mill-kant, kienu jimpressjonaw lil kulħadd bil-ġmiel u s-sollennità tagħhom (ara Sir 50).[5]

Għal Jum it-Tpattija kienet tiddendel purtiera speċjali, irrakkmata u mdendla b'ganċijiet tad-deheb. Ma kienet tinfetaħ qatt matul is-sena, ħlief nhar Jum il-Festa, meta l-qassis il-kbir kien jidħol 'il ġewwa minnha bid-demm tal-annimali f'bieqja. L-ilbies l-aktar użat kien l-abjad għax ifakkar fl-ilbies tal-kefen, u jkunu aktarx ħafjin, sinjal ta' penitenza.[6]

Wara l-ikla ta' filgħaxija ta' lejlet il-*Jom Kippur*, kienu jsiru żewġ stqarrijiet ta' dnubiet: dik tal-ħtijiet kontra Alla, kontra l-proxxmu, kontra l-kmandamenti u d-dmirijiet tal-individwu, u kienet stqarrija propja tal-qassis il-kbir; it-tieni waħda hija dik tal-ħtijiet volontarji u involontarji. Imbagħad tingħata l-maħfra tal-voti, wegħdiet u ġuramenti li ma twettqux, imsejħa l-*Kol Nidrè* (jigifieri: il-wegħdiet, il-ħalfiet kollha), skont il-prinċipju ta' Koħ 5,3-4.

Imbagħad, min ikun jiflaħ,



kien jgħaddi l-lejl fit-talb, sawm u penitenzi (ara Lev 23,27-32). Mat-tbexbix isir qari meħud mill-Kotba Mqaddsa, maħsub li jqanqal għal aktar indiema. Wara l-qari tibda ċ-ċerimonja prinċipali, li fiha jieħu sehem biss il-qassis il-kbir. Sebat ijiem qabel il-festa, il-qassis il-kbir kien jitbiegħed minn sħabu l-qassisin l-oħra u jmur jgħix waħdu, jitlob u jsum. Għall-festa mbagħad hu kien jieħu diversi banjijiet ta' purifikazzjoni ritwali, biex ikun jista' jilbes l-ilbies speċjali u jressaq it-talba ta' maħfra għalih innifsu u għall-poplu kollu. L-ewwel ma jagħmel malli jiġi mwassal mix-xjuħ fit-tempju kien li joffri s-sagrifiċċju ta' kuljum. Imbagħad jidħol fl-aktar parti qaddisa tas-santwarju tat-tempju –il-Qaddis tal-Qaddisin– u hemm jitlob il-maħfra, u joħroġ mis-santwarju. Jiġu mressqa quddiemu żewġ bdabad u jintgħażel wieħed minnhom bix-xorti. Il-qassis il-kbir jagħmel idejh fuqu u jgħid it-talba: "O Mulej, jien għamilt dak li hu ħażin f'għajnejk u dnibt bil-kbir. Dan għamiltu jien, dari, u wlied Aron. O Mulej, nitolbok, aħfirli ħtijieti, li jien għamilt u wettaqni quddiemek. Għaliex hekk hemm miktub fil-liġi" (Lev 16, 30). Il-bodbod, issa mgħobbi bid-dnubiet tal-qassis il-kbir u tal-poplu, jittieħed fid-deżert u jitħalla hemm.

Wara, il-bodbod l-ieħor jiġi maqtul, demmu jitqiegħed f'bieqja, u l-bqija jinħaraq bħala sagrifiċċju ta' tpattija.[7] Il-qassis il-kbir jieħu l-bieqja bid-demm u jerġa' jidħol fis-santwarju, waħdu, iroxx id-demm fuq l-erba' kantunieri tal-għatu tal-arka, il-*kapporet* (għax "tgħatti" l-arka, bħalma jridu jitgħattew il-ħtijiet tal-poplu). Dan il-ġest għandu tifsira mill-aktar għolja. L-arka hija l-ogħla simbolu tal-preżenza ta' Alla fost il-poplu. Id-dnubiet li tagħhom qegħdin jintalbu maħfra fil-*Jom Kippur* huma l-offiżi li saru kontra dak Alla li jgħammar fost il-poplu tiegħu. Id-demm tal-vittma ta' tpattija magħmula mill-qassis il-kbir f'isem il-poplu kollu li jiġi mraxxax fuq l-għatu huwa s-sinjal tal-impenn sħiħ li l-poplu kollu qiegħed jerġa' jagħmel ma' Alla. L-impenn hu ssiġillat mid-demm, li jfisser l-istess



ħajja: il-poplu jorbot ħajtu stess ma' dak l-impenn! Il-qassis ma jdumx jitlob fis-santwarju għax dak hu l-aktar post qaddis; joħroġ u jsawwab il-bqija tad-demm fuq in-nies li jkunu jistennew barra.

Wara dan jidħol għall-aħħar darba fis-santwarju biex ilissen l-isem qaddis ta' Alla: l-isem li kontrih saru l-ħtijiet; l-isem li minnu tintalab il-maħfra; l-isem li miegħu jerġa' jsir l-impenn ta' ħajja aktar qaddisa li tixraq lill-poplu ta' Alla qaddis. Wiċċu ma' l-art il-qassis il-kbir ilissen l-erba' konsonanti (J-Ħ-W-H) tal-isem ta' Alla.

Hija festa li lilna llum ukoll tagħtina sens kull meta nitolbu maħfra 'l Alla. Aħna wkoll nitolbu maħfra għax inqasna 'l Alla qaddis. Aħna wkoll nitolbu maħfra lil dak li għamilna xbieha tiegħu; xbieha qaddisa, mela. Aħna wkoll nintrabtu li nagħmlu ħilitna kollha biex nerġgħu ngħixu ħajja li tixraq lil min hu xbieha ta' Alla ħaj u qaddis. Mument li hu tassew qawwi fil-Liturġija tal-Quddiesa huwa l-mument meta ngħidu l-"Ħaruf ta' Alla".

Kristu Ġesù huwa l-Ħaruf ta' Alla għax permezz ta' demmu, li xxerred għalina fil-passjoni tiegħu, u li fil-Quddiesa f'dak il-mument jinsab mill-ġdid fil-kalċi mbierek, aħna ksibna mill-ġdid il-ħbiberija ma' Alla. Imma hemm tifsira tassew qawwija fil-kelma "ħaruf". Fl-Aramajk, il-lingwa li kien jitkellem Ġesù, biex tgħid "ħaruf" u biex tgħid "iben" tuża l-istess kelma (*tálja* jew *talèh* bil-Lhudi). Dan hu li nistqarru meta għal tliet



darbiet nistqarru 'l Ġesù bħala l-ħaruf ta' Alla, u nitolbuh iħenn għalina. Dan hu wkoll li nistqarru meta s-saċerdot jurina l-Ġisem ta' Ġesù, jgħidilna li "dan hu l-ħaruf ta' Alla, li jneħħi d-dnubiet tad-dinja".

Fil-quddiesa niċċelebraw kuljum il-*Jom Kippur*; għalina, fi Kristu Ġesù, kuljum huwa "jum il-maħfra"!

---

1 Ara t-Trattat tal-*Mixnà* f' *The Mishna*, a new translation by Jacob Neusner, Yale University Press: New Haven – London 1988, 265-279.

2 Walter A. Elwell, *Expiation*, fi *The Marshall Pickering Encyclopedia of the Bible*, I, edited by Walter A. Elwell, Marshall Pickering: London 1988, 746-747.

3 Ara Lawrenz Sciberras, *Il-Festi liturġiċi tal-Lhud*, Edizzjoni TAU: Malta 1993, 69.

4 Ara Sciberras, *Il-Festi liturġiċi tal-Lhud*, 70.

5 Sciberras, *Il-Festi liturġiċi tal-Lhud*, 75.

6 David P. Wright, *Day of Atonement*, f' *The Anchor Bible Dictionary*, 2, edited by David N. Freedman, Doubleday: New York 1992, 72-73 jiddiskuti r-rit tal-purifikazzjoni tal-parti ġewwinija tat-Tempju, il-Qaddis tal-Qaddisin.

7 Wright, *Day of Atonement*, 75 huwa tal-opinjoni lid an ir-rit kien aktarx parti mit-tindif u mill-purifikazzjoni tat-Tempju, aktar milli rit ta' tpattija fih innifsu.





# L-ATTENZJONI TA' ĠESÙ LEJN IN-NISA F'LUQA (2)

***Mons. Lawrenz Sciberras***

Is-suġġett dwar in-nisa fil-vanġelu ta' Luqa jkompli f'kapitlu 8,1-3. Hawn għandna l-mixja ta' Ġesù lejn il-belt ta' Ġerusalemm dejjem bil-prospettiva tal-Għid. Aħna nafu sew kemm Luqa jagħti attenzjoni sħiħa u partikulari lil belt ta' Ġerusalemm; biżżejjed ngħidu li jiftaħ

il-vanġelu tiegħu proprju fil-qalba tal-belt mela fit-tempju ta' Ġerusalemm – it-tħabbira ta' Żakkarija - (Lq 1,8) u jagħlaq dan il-vanġelu tiegħu billi jikteb li l-appostli wara li raw 'il Ġesu sejjer lejn is-sema huma "mimlijin b'ferħ kbir reġgħu lura lejn Ġerusalemm, u qagħdu l-ħin kollu fit-tempju jbierku 'l Alla" (Lq 24,53).

## Mexjin wara Ġesu

Dwar dawn in-nisa jingħad li Ġesu fejjaqhom billi ħelishom "mill-ispirti ħżiena u mill-mard". B'mod partikulari Luqa hawn iqabbeż 'il Marija ta' Magdala "li minnha kienu ħarġu seba' xjaten" (Lq 8,2). Dawn kienu nisa tturmentati kemm fil-ġisem kif ukoll fir-ruħ tagħhom, però kienu nisa b'qalbhom kbira, tant li Luqa jkompli jgħid "li kienu jaqduhom minn ġidhom". Biss ta' min ikompli jgħid li Luqa jerġa' jitkellem minn dawn in-nisa fil-qawmien ta' Ġesu (24,10), għaliex Ġesu kien lilhom li deher l-ewwel. Il-fatt li Luqa dawn in-nisa isemmihom b'isimhom ifisser li huwa qed japprova u jaqsam magħhom b'mod partikulari t-tbatijiet u skoraġġiment li għaddew minnhom dawn in-nisa. Hekk mela mill-mard u l-qtigħ ta' qalb li għaddew minnu dawn in-nisa ħarġet dik l-imħabba profonda lejn minn fejjaqhom fir-ruħ u l-ġisem tagħhom fil-kas speċifiku tagħna Ġesù ta' Nazaret.

L-istint ta' dawn in-nisa li kapaċi jħossu l-inġustizzji u s-sofferenzi tal-oħrajn, jidhru fix-xena tal-Kalvarju. Tant hu hekk li dawn in-nisa bkew lil Ġesù (23,27-31). Huma bdew mhux biss josservaw it-tbatijiet ta' Ġesù, imma komplew juruh esternament billi bdew iħabbtu sidirhom u jibku. Dan huwa l-ġest Semitiku ta' min ikun f'dispjaċir l-aktar kbir u fi qsim ta' qalb. Maġemb Xmun minn Ċirene li serraħ lil Ġesù billi refagħlu s-salib, hemm dawn in-nisa li fehmu sew dak kollu li kien qed jiġri; is-sultan ta' Iżrael (23,37s) qed jiġi meħud lejn il-mewt tas-salib! Tassew tkexkixa!. Flimkien ma' dawk in-nisa li segwew lil Ġesù mill-Galilija sa Ġerusalemm (23,49), in-nisa jippreżentaw l-ilħna tal-poplu, jiġifieri ta' dawk li jħossu ix-xorti miskina ta' Ġesù.

## Ferħ li jinħass

Kienet waħda mara wkoll li setgħet tagħti xhieda tal-glorja li hemm fl-evanġelju. Il-parabbola tad-drakma mitlufa u wara misjuba (15,8-10), flimkien ma' dik tan-nagħġa li ħarbet, terġa' iddaħħal il-għan fundamentali tas-salvazzjoni; jiġifieri dak li kien mitluf u jinstab. Dan, bejn il-linji, ifisser ukoll il-ferħ ta'Alla għal wieħed midneb li jbiddel ħajtu (15,10). Imbagħad b'mod l-aktar artistiku dan l-istess ħsieb tal-bidla mid-dlam għad-dawl, mid-dnub għall-grazzja il-verb tipiku bil-Lhudi huwa *xuv*, hemm il-parabbola tal-iben prodigu (15,24-32). Luqa fehem sew il-parabbola f'dan is-sens ta' ferħ, tant li wera fin-nisa l-ferħ li wieħed iħoss meta jimxi l-evanġelju.

## L-aħwa Marta u Marija

F'dan l-istess kuntest wieħed josserva r-rakkont tal-waqfa ta' Ġesù fid-dar ta' Marta u Marija (10,38-42). L-aċċent qiegħed kollu fuq is-smigħ tal-kelma ta' Ġesù (v 39). Hawn Marija għażlet l-aħjar parti, wisq aħjar minn dik ta' oħtha Marta mħabbta kif kienet tiffaċendja d-dar (v 42). Fejn tidħol l-istorja tal-eżeġesi jidher li hemm żewġ tipi ta' nisa, fejn toħroġ għad-dawl is-superjorità tal-ħajja kontemplattiva rispett ma' dik attiva. Hawn ikesksu ħafna l-attività tax-xogħol fil-ħajja ta' kuljum, u l-meditazzjoni fuq in-naħa l-oħra. Biex wieħed jakkwista l-ħajja eterna huwa neċessarju li tħobb 'l Alla u l-proxxmu fuq l-istess manjiera.

Ħtieġa oħra fundamentali fil-ħajja Kristjana hija li wieħed jisma' il-kliem ta' Ġesù , kif għamlet wisq



tajjeb Marija. Il-kelma Maltija "tisma'" tista toħroġna xi ftit mit-triq tas-sens sħiħ u mimli tagħha fil-Bibbja. Biblikament "tisma" *shema'*, ifisser li tisma' iva imma daqshekk ieħor timmedita fil-fond dwar dak li tkun qed taħseb dwaru. Imbagħad wara l-meditazzjoni tal-ħsieb jiġu l-fatti, għalhekk tisma' biex tagħmel, tqiegħed fil-prattika dak li tkun smajt.

Minn din il-ġrajja wieħed jikkonkudi wkoll kemm huwa meħtieġ it-talb, biex wieħed ikun dixxipli ta' Ġesù (Lq 11,1-13). Ġesù kif soltu tiegħu isaħħaħ it-tagħlim b'eżempji l-aktar prattiċi. Hekk f'dan il-każ Ġesù iqabbeż l-istorja ta' iben li jitlob lil missieru ħuta, żgur li l-missier mhux se jagħtih serp (Lq 11,11) jew jitolbu bajda mhux se jagħtih skorpjun.

Fir-rakkont ta' Marta u Marija Ġesù apprezza ferm id-disponibiltà taż-żewġt aħwa, Marta u Marija, però fl-istess waqt Ġesù iqiegħed fuq quddiem is-smigħ tal-kelma ta' Alla kif fil-fatt għamlet Marija. Hekk Marija saret dak it-tip veru li tkun dixxiplu ta' Ġesù. Hawn ukoll indikazzjonijiet forsi għadhom żgħar iva ta' dik il-kapaċità fil-mara li tirrifletti, taħseb u tippenetra aktar fil-fond dwar il-ħsibijiet ta'Alla. Xhud awtentiku ta' dan kollu kienet Marija omm Ġesù. "Marija min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha" (Lq 2,19).



## L-armla u l-imħallef

Wara dan l-eżempju prattiku dwar il-ħtieġa tat-talb Ġesù jgħid parabbola ta' dak l-imħallef f'belt "li la kien jibża' minn Alla u lanqas iħabbel rasu minn ħadd". (Lq 18,2). Quddiemu dehret waħda armla li mbuttatu u ssikkatu kemm felħet biex dan l-imħallef jagħmel ġustizzja magħha, anke jekk forsi kontra qalbu. Din l-armla kważi ddisprata, però fl-aħħar ġabet suċċess għall-insistenza qawwija tagħha. Jekk wieħed jirrifletti ftit dwar l-insistenza qawwija ta' l-armla, kif ukoll għad-dwejjaq li għadda minnu l-imħallef minħabba il-fittaġni tal-armla, din tħalli tassew impressjoni wisq aktar minn nisa l-oħra kollha. Kienet tosta tassew jekk mhux ukoll vjolenti; imma wara dan kollu hemm il-fatt ta' armla mħollija waħedha, mela mwarrba u li tbati. Dan kollu ġibed l-attenzjoni ta' Ġesù favur dawn il-kwalitajiet ta' nisa l-aktar romol.

Din l-armla mela wkoll tagħmel parti mal-lista ta' dawk in-nisa li jsibu ħniena quddiem Alla dejjem permezz ta' Ġesù. In-nisa li magħhom niltaqgħu fil-Vanġelu ta' Luqa huma differenti ħafna minn xulxin. Però kull waħda minnhom għandha messaġġ partikulari u uniku tagħha xi twassal.



# IL-VIA DOLOROSA (3)

*P Twanny Chircop ofm*

## V Stazzjon: Xmun minn Ċireni jerfa' s-Salib ta' Ġesù

Kappella Franġiskana tfakkar dan l-istazzjon. Fl-1249 Ricoldo da Monte Croce jikteb li l-post li jfakkar lil Xmun minn Ċireni, li jgħin lil Ġesù jerfa' s-salib, kien f'idejn il-Franġiskani. Fil-fatt, diġà fl-1229 il-Franġiskani kienu daħlu jgħixu għall-ewwel darba f'Ġerusalemm




f'dawn l-inħawi. Il-kappella li hemm illum ġiet irranġata fl-1982, wara li l-Franġiskani rnexxielhom jerġgħu jakkwistaw il-5 Stazzjon fl-1889.

It-tifkira f'dan il-post ilha biss mis-sena 1800; qabel ma kien hemm ebda post fiss li jfakkar din il-ġrajja. F'dan il-post kien hemm it-tifkira tal-għani u l-fqir Lazzru (Lq 16, 19-31) u d-dar ta' Xmun il-Fariżew (Lq 7, 36-50). Id-dar bi stil Tork tas-sena 1500, b'arkata kbira fuq il-wied, tiġi identifikata minn P. Horn bħala d-dar tal-għani; u d-dar żgħira, b'koppla żgħira bi stil mameluk tas-snin 1400-1500, bħala d-dar tal-fqir Lazzru. Id-dar ta' Xmun kienet fl-inħawi qrib dak li llum jissejjaħ il-bieb ta' Erodi. Fil-post kien hemm

knisja ddedikata lil Santa Marija Maddalena.

L-episodju evanġeliku jitkellem minn "Kien għaddej wieħed, Xmun minn Ċireni, missier Xandru u Rufu, ġej lura mir-raba', u ġagħluh jerfagħlu s-salib" (Mk 15,21; Mt 27,32; Lq 23,26). Xmun jew kien Lhudi mid-dijaspora minn naħa tat-tramuntana tal-Libja (iċ-Ċirinajka) jew proselita ikkonvertit għall-Ġudaiżmu. Jista' jkun li kien ġej lura għajjien mix-xogħol tar-raba', jew forsi kien għadu kemm wasal lura minn għelieqi li kienu 'l bogħod; mhux faċli wieħed jkun jaf sewwa. Imma żgur li Xmun irrabja meta, b'kumbinazzjoni ltaqa' fit-triq ma' Ġesù u s-suldati Rumani ġegħluh bilfors jerfa' s-salib tal-ikkundannat. Imma din il-laqgħa kellha tħalli marka profonda fil-ħajja ta' Xmun. L-evanġelista Luqa, infatti, jagħtina l-isem taż-żewġ ulied taċ-Ċirenew, li wara ħadmu fil-knisja ta' Ruma (Rm 16,13). Wisq probabbli li Xmun kif ukoll il-familja tiegħu emmnu f'Ġesù Kristu. Leġġenda tgħid li saħansitra ħa l-martirju bħala isqof ta' Bosra fl-Arabja. Kollox beda minn dik il-laqgħa mhux mistennija fit-triq tas-salib.

"Intebħu li dan ir-raġel ma kienx se jasal. Kienu jeħtieġu l-għajnuna. Ħarsu madwarhom qalb il-folla u raw raġel mibni b'saffejn, Xmun minn Ċirene. Dan seta' jgħinhom. Miegħu kellu liż-żewġ uliedu Alessandru u Rufu. Huma wkoll kienu qed jistaqsu 'l missierhom x'kien qed jiġri. Qatt qabel ma kienu raw it-tislib ta' xi ħadd u bħat-tfal kollha kienu kurjużi. Missierhom ma setax jispjegalhom għaliex illum, lejlet l-akbar festa tagħhom, ir-Rumani kienu ddeċidew li joqtlu lil dawn it-tlieta min-nies. Lanqas seta' jispjegalhom għaliex wieħed minnhom kien mimli dmija u liebes kuruna tax-xewk. Huma kienu fl-għelieqi meta seħħew il-ġrajjiet ta' qabel. Ma kinux jafu x'ġara dakinhar filgħodu." (Via Crucis – John Abela ofm)

## VI Stazzjon: Il-Veronika tixxotta wiċċ Ġesu

Mill-ħames Stazzjon wieħed jibda tiela' lejn il-Golgota. F'nofs it-*Tarig el Alam* hemm kappella li tfakkar il-laqgħa ta' Ġesù mal-Veronika. Il-kappella hi proprjeta' tal-Griegi Kattoliċi. Din ix-xena ma nsibuhiex fil-vanġeli, hija frott it-tradizzjoni ta' Ġerusalemm; però tajjeb li wieħed jgħid li hija tradizzjoni bikrija ħafna. Fis-sena 1483, F. Fabri jsemmi l-post tal-Veronika (ELS 919,4). Ewsebju jsemmi li ġewwa Cesarea ta' Fillippu statwa tal-bronż kienet tirrappreżenta x-xena tal-mara bin-nixxiegħa tad-demm li tmiss lil Ġesù u jgħid li quddiem l-istatwa jikber ħaxix mirakuluż. Ewsebju ma jħarisx sabiħ lejn din it-tradizzjoni għax jara fiha eżempju ta' kult pagan. Minn Rufino nafu li l-istatwa ġiet meqruda minn Giuliano l-Apostata. Minn din l-informazzjoni nistgħu ngħidu li t-tradizzjoni tal-Veronika hija antika ħafna. It-tifkira f'Ġerusalemm hija iżjed riċenti. Il-Kappella nbniet fl-1890.

Kienet is-sede tal-konsolat Franċiż, li ġiet mogħtija lill-knisja Griega kattolika (Melkita). Illum joqogħdu hemm is-sorijiet ta' Charles de Foucauld, *Piccole Sorelle di Gesù*.

Il-kappella fiha mużajk li jirrappreżenta l-ġest kuraġġuż ta' din il-mara li għaddiet minn qalb is-suldati u l-folla tan-nies u marret timsaħ il-wiċċ ta' Ġesù li kien mimli demm, trab u bżieq.

Il-vanġeli ma jagħtuna ebda ħjiel tal-wiċċ ta' Ġesù; wisq inqas ta' meta kien qed jerfa' s-salib. Dan il-vojt f'ċertu sens jiġi mimli bit-tradizzjoni tas-*Sacra Sindone* f'Turin; imma fuq kollox mill-profezija tal-profeta Izaija fuq il-qaddej sofferenti ta' Jahweh, miżmum mill-insara bħala prefigure ta' Ġesù: "Bħalma ħafna ndiehxu minnu, - għax wiċċu tħassar, donnu ma kienx ta' bniedem, u s-sura tiegħu ma kontx tqisha ta' bniedem. Bħal xitla kiber quddiemna, u bħal għerq minn art niexfa. Ebda sura ma kellu, u ebda ġmiel biex inħarsu lejh, jew xi sura biex nitgħaxxqu bih. Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-mard, bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżeblaħ, u aħna xejn ma qisnih." (Is 52,14; 53,2-3).

L-azzjoni ta' dik il-mara, l-kompassjoni tagħha, ġew mogħtija ħlas mhux mistennija: fuq il-velu baqgħet imwaħħla x-xbieha ta' wiċċ is-Salvatur. L-isem tal-mara, Veronika jista' jkun deformazzjoni tal-isem Grieg Berenice (dan kien isem oħt ir-re Agripp II (ara Att. 25,13.23; 26,30). Jew inkella kif tgħid l-etimoloġija popolari isimha huwa mibni minn żewġ kelmiet latini '*vera icona*' (xbieha vera), b'rabta mal-ġrajja mirakoluża. Wara, il-letteratura apokrifa tagħtina ħafna iżjed partikularitajiet ta' togħma leġġendarja rigward din il-mara. Eżempju ta' dan huwa l-Vanġelu ta' Nikodemu li jidentifika 'l Veronika mal-mara li f'Kafarnaum ġiet imfejqa minn Ġesu min-nixxiegħa tad-demm. (Mk 5,25-34). Ukoll apokrifu latin medjevali *Mors Pilati* jgħid li l-velu bix-xbieha ta' Ġesù ġie meħud Ruma, u li fejjaq mill-mard lill-Imperatur Tiberju.

Ma niħduhiex bi kbira li l-Veronika ma tiġix imsemmija fil-vanġeli kanoniċi, meta lanqas il-laqgħa ma' ommu Marija ma tiġi msemmija. Minkejja dan, il-vanġeli spiss jitkellmu dwar in-nisa li kien jagħmlu parti mill-grupp tad-dixxipli ta' Ġesù u li kienu jgħinuh fl-missjoni tiegħu; eżempju ta' dan Mk 15,40-41; Lq 8,1; 10,38-42; 24,1-11; Ġw 19.25. L-evanġelista Luqa juri interess partikolari dwar it-tema tan-nisa; ir-rakkont tiegħu huwa l-bażi għat-tmien stazzjoni: il-laqgħa ta' Ġesù man-nisa ta' Ġerusalemm. Huwa dan l-evanġelista li jissottolinja li n-nisa huma xhieda li raw il-ġrajjiet tal-Golgota (il-mewt, id-difna u l-qawmien tal-Mulej). In-nisa li kien ġew ma' Ġesù mill-Galilija kienu Marija ta' Magdala, Ġovanna u Marija ta' Ġakbu u oħrajn li kienu flimkien (Lq 23,55; 24,10). Luqa jammira l-interess u l-kuraġġ ta'

dawn in-nisa, anke b'differenza mid-dixxipli, li baqgħu fidili għall-Mulej sal-aħħar. U ma' dan il-grupp it-tradizzjoni żżid lil Veronika. Mit-VIII seklu, ir-relikwa bix-xbieha ta' wiċċ il-Mulej, hi kkonservata f'San Pietru ġewwa Ruma.

Biex tasal għas-seba' stazzjoni trid titla' il-Via Dolorosa sa salib it-toroq mat-triq tas-suq Chan ez-Zait; l-istazzjon jinsab proprju faċċata.

## VII Stazzjon: Ġesù jaqa' għat-Tieni Darba

Meta nħallu s-sitt stazzjon tibda t-telgħa, dan ipoġġi f'diffikultà lil ħafna pellegrini; wieħed jista' jifhem is-sitwazzjoni ta' Ġesù jerfa' s-salib tiela' din it-telgħa.

Għal Ġesù din it-telgħa bis-salib fuq spallejh kellha tkun iebsa; bil-konsegwenza li jaqa' għat-tieni darba kif iżżomm it-tradizzjoni Nisranija.

Ġesù ġie msallab u miet barra l-ħitan ta' Ġerusalemm (Ġw 19,20: "… il-post fejn sallbu 'l Ġesù kien barra l-belt."; Lhud 13,12: "Ġesù…. bata barra l-bieb tal-belt"). Wisq probabbli fejn illum hemm is-VII stazzjon kien hemm wieħed mill-bibien tal-belt ta' żmien Ġesù, minn fejn il-korteo bl-ikkundannat ħareġ mill-belt lejn il-Golgota, fejn ġiet esekwita s-sentenza kapitali. L-awturi sagri tat-TĠ ħallew barra l-isem ta' dan il-bieb. Il-pellegrini tal-medju evu, minħabba kolonna u fdalijiet arkeoloġiċi ta' bieb kbir, jorbtu dan il-post mal-bieb antik li kien jagħmel parti mill-ħitan antiki tal-belt ta' epoka Persjana. Il-ktieb ta' Neħemija jitkellem darbtejn dwar dan il-bieb (Ne 3,6; 12,39; fil-Vulgata: "porta Vetera/ Antiqua"). L-Insara sejħulu





l-bieb tal-Ġudizzju (Porta Giudiziaria), għax fuq dan il-bieb, skont użanzi antiki, kienet tkun imwaħħla il-kitba tal-kundanna tar-Re tal-Lhud.

L-ewwel li jitkellem dwar dan huwa d-dumnikan Burcardo del Monte Sion, li żar l-Art Imqaddsa fis-sena 1283. Fuq il-mappa ta' Marino Sanuto, tas-sena 1310, jiġi ndikata għall-ewwel darba bħala 'Porta Giudiziaria' (hekk jidher fuq mapep oħra tal-istess żmien u anke fuq oħrajn ta' wara). Il-pellegrin Felix Fabri żar l-Art Imqaddsa bejn l-1480 u l-1483 u sa dak iż-żmien seta' jara l-fdalijiet.

Kappella modesta rranġata mill-Franġiskani fuq il-post akkwistat minnhom fis-sena 1800 illum tfakkar it-tieni waqgħa. Ġewwa l-kappella tiġbed l-attenzjoni kolonna għolja 5 metri u dijametru tagħha bejn wieħed u ieħor 70 ċentimetru. Kif juru l-iskavi arkeolġiċi magħmula mill-iStudium Biblicum Franġiskan, dik il-kolonna wisq probabbli kienet tagħmel parti mill-famuż kolonnat tal-Cardo Maximus it-triq prinċipali tal-belt Aelia Capitolina li kien bena Adrianu f'nofs is-seklu II fuq il-fdalijiet ta' Ġerusalemm ta' żmien Ġesù, li ġiet meqruda wara r-rewwixta kontra r-Rumani ta' Bar-Kochba. Din it-triq prinċipali Rumana kienet tmur mill-bieb attwali ta' Damasku sa l-għolja ta' Sijon. It-triq Għarbija tal-lum Suq Chan ez-Zait, mimlija ħwienet issegwi proprju

l-korsa tat-triq antika Rumana-Biżantina.

Kif toħroġ mill-kappella tas-seba' stazzjon mill-ewwel kif iddur fuq ix-xellug it-triq dejqa 'Aqabat al-Qanqa' permezz ta' ftit turġien tieħdok fl-istazzjon li jmiss. Meta ngħaddu minn quddiem l-ospizju tal-Ġermaniżi Protestanti wieħed irid joqgħod attent li ma jibqax għaddej u ma jindunax bis-sinjal tat-tmien stazzjon li jinsab mal-ħajt fuq ix-xellug tat-triq ftit metri 'l bogħod.

## VIII Stazzjon: Ġesù jiltaqa' man-nisa ta' Ġerusalemm

Il-laqgħa ta' Ġesù man-nisa ta' Ġerusalemm saret qrib tal-Golgota, "…bejn il-bieb tal-Ġudizzju *Porta Giudiziaria* u l-Golgota …", kif jindikaw b'mod preċiż il-pellegrini tal-medju evu. Fuq biċċa kolonna mdaħħla fil-ħajt ta' barra tal-kunvent tal-Griegi Ortodossi, ta' San Caralambos, permezz ta' salib u l-iskrizzjoni bil-Grieg IC XC NIKA (Ġesù Kristu – Rebbieħ 'Vittoria'), jiġi mfakkar l-episodju deskritt minn San Luqa: Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom. Għax, araw, għad jiġi żmien meta jgħidu, 'Hienja dik li ma għandhiex tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'!" Imbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji, 'Aqgħu fuqna!', u lill-għoljiet, 'Ordmuna!' Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar, mela xi jsir minnu meta jinxef?" (Lq 23, 27-31).

Il-kliem li Ġesù jgħid lin-nisa huwa tħabbira profetika ta' kundanna għal Ġerusalemm. Il-maternità hija kkunsidrata fil-Bibbja bħala sinjal ta' benedizzjoni (barka) divina, li tiġi ttrasformata f'maledizzjoni (saħta) fi żmien ta' kastig. L-isterilità hawn tissejjaħ imbierka, għax in-nisa sterili ma jkunux esperimentaw it-tbatija tal-ommijiet fir-rapport mat-tbatija ta' uliedhom. Silta mill-profeta Hosegħa tħabbar minn qabel id-disperazzjoni tagħhom fl-okkażżjoni tal-waqgħa ta' Ġerusalemm:





Jiġġarrfu s-santwarji fuq l-għoljiet tal-ħażen, id-dnub ta' Israel; xewk u għollieq għad jinbet fuq l-artali tagħhom. Għad igħidu lill-muntanji: "Għattuna" u lill-għoljiet: "Ordmuna". (Hos. 10,8)

L-espressjoni iz-zokk aħdar u z-zokk niexef, li huwa proverbju, jrid jagħti iżjed qawwa għall-kastig tremend li se jaqa' fuq il-belt tal-ħtija (iz-zokk niexef), f'kontra posizzjoni mat-tislib tal-bniedem ġust (iz-zokk l-aħdar), li bih Alla salva d-dinja. F'sitwazzjoni tremenda ta' tbatija Ġesù ma jiqafx fuqu nnifsu, imma jkompli jaħdem biex isalva lill-poplu tiegħu mill-kastig li kien ġej fuqu.

Din il-laqgħa ta' Ġesù man-nisa ta' Ġerusalemm hija msemmija biss minn San Luqa; forsi bħala sens ta' solidarjetà ma' dawk li huma kkundannati għall-mewt. B'lingwaġġ apokalittiku Ġesù jpoġġi quddiemhom il-ġudizzju divin li se jaqa' fuq l-umanità fid-dnub: jekk l-għażla li waqgħet fuq Kristu *iz-zokk aħdar*, ħaj u f'saħħtu hi daqshekk ħarxa, mela x'se jiġri *miz-zokk niexef*, xott u mejjet, dak tal-ħżiena!

Minħabba l-kunvent tal-Griegi Ortodossi, li fi żmien il-Kruċjati kien ir-residenza tal-kononċi regolari ta' Santu Wistin, allura tal-Latini-Kattoliċi, ma nistgħux inkomplu mexjin dritt it-triq tas-salib li mexa Ġesù. Biex naslu għad-IX stazzjon u nkomplu fuq it-triq li mexa Ġesù, hemm bżonn li nagħmlu dawra. Mit-VIII stazzjon nerġgħu lura għas-suq Chan ez-Zait u nduru fuq il-lemin, nimxu daqs 70 metru telgħa żgħira. Imbagħad hemm taraġ li jieħdok fuq in-naħa tal-lemin tat-triq u wara 40 metru minn wara il-ħitan tad-djar Għarab, naslu għad-IX stazzjon li jinsab immarkat mal-ħajt.

## IX Stazzjon: Ġesù jaqa' għat-tielet darba

Meta wieħed jibda tiela' lejn il-Patrijarkat Koptu jiġi fejn kolonna li timmarka dan l-istazzjon. Antikament ma kinitx tissemma' qatt it-tielet waqgħa; l-iżjed li kienu jfakkru kienu żewġ waqgħat. Bħalma diġà għidna it-tradizzjoni tat-Triq tas-Salib tibda Ġerusalemm, tmur l-Ewropa fejn tifforma ruħha d-devozzjoni u terġa' lura ġewwa Ġerusalemm, u allura fittxew il-postijiet fejn setgħu jambjentaw u jpoġġu din id-devozzjoni.

Fuq kolonna mdaħħla fid-daħla tal-bieb tal-kunvent tal-Kopti jiġi indikat dan id-disa' stazzjon meta s-Salvatur tagħna waqa' għat-tielet darba. Dan l-istazzjon jinsab ftit metri 'l bogħod mill-Golgota. Fuq ix-xellug hemm fetħa kbira mdawra bil-bini, li jinsab sewwa sew fuq il-kappella ta' Santa Elena u l-grotta bir ta' fejn instab is-salib tal-Mulej. Din il-grotta hi fil-bażilika tal-Qabar ta' Kristu fil-punt l-aktar profond tagħha.

Biex tkompli l-Via Crucis wieħed irid jgħaddi minn fuq dawn il-bjut u jinżel minn ġewwa l-knisja Etiopika. Jekk ma jagħmilx hekk, wieħed ikollu jerġa' lura lejn suq Chan ez-Zait u jdur fuq il-lemin. Jgħaddi minn fejn l-ospizju Russu ta' San Alessandru fuq il-lemin u l-knisja ta' Ġesù Redentur fuq ix-xellug, jibqa' miexi sakemm jasal quddiem bieb li jagħti għall-pjazza quddiem il-bażilika tal-Qabar ta' Kristu.

Il-Via Crucis tkompli fil-Bażilika.





# IL-PARABBOLI TA' ĠESÙ FIL-VANĠELI SINOTTIĊI

**Fr. Charles Buttigieg**

*"U Gesù qabad u qalilhom din il-parabbola..."*

## Il-kelma 'Parabbola'

Il-kelma 'parabbola' ġejja mill-kelma Griega 'paraballo' li tfisser 'tixħet ħdejn l-ieħor', 'li tqabbel' jew 'li tagħmel paragun bejn ħaġa u oħra'. Il-kelma Ebrajka 'maxal' għandha tifsira iktar wiesgħa minn dik Griega u tirriferi għall-istejjer, għidut, proverbji, allegoriji, metafori u

tixbiħat. Din il-parobbola kienet tintuża ħafna fil-letteratura Griega fil-lingwaġġ figurattiv. Fil-Bibbja l-parabbola hija forma ta' tixbiħa zgħira jew elaborata li tirrappreżenta storja mill-ħajja ta' kuljum, l-iktar mill-ħajja tar-rgħajja u tal-bdiewa, biex tfiehem aħjar bil-paraguni, l-messaġġ u t-tagħlim li jrid jitwassal għall-ħajja spiritwali.

## Gesù għallem permezz tal-Parabboli

Fil-predikazzjoni tiegħu fl-art tal-Palestina, Ġesù bosta drabi għamel użu minn lingwaġġ ta' natura parabbolika, metodu ta' predikazzjoni li kien jiġbed ħafna l-attenzjoni tal-ġemgħa u tal-folol kbar ta' nies. Dan il-metodu ta' predikazzjoni kienu jużawh ukoll ir-rabbini u l-għorrief ta' żmien Ġesù. Ġesù kien jinzel għalhekk għal-livell tal-udjenza li kien ikollu quddiemu, ħafna minnhom nies rgħajja u familji tal-kampanja u għalhekk il-parobboli bl-istejjer ħfief tagħhom zgur li kienu jibqgħu miftakra tajjeb. Il-parabbola mela kienet mezz effikaċi ta' kif Ġesù wassal il-messaġġ salvifiku tiegħu fi tliet snin tal-ħajja pubblika sabiex il-bniedem jifhem mill-ewwel il-messaġġ u jbiddel ħajtu għall-aħjar.

Il-karatteristiċi tal-parabboli ta' Ġesù, huma li fihom niltaqgħu ġeneralment ma' xi karattri prinċipali, fihom diskorsi diretti, ikunu mibnija fuq xi kuntrast u jkollhom dejjem konklużjoni qawwija.

## Il-Parabboli fil-Vanġeli Sinottiċi

Il-klassifikazzjoni tal-parabboli dejjem ħolqot ftit problemi għall-istudjużi bibliċi u dan għaliex, mhux kulħadd juża l-istess prinċipji letterarji marbuta man-natura tal-parabbola u għaliex ukoll mhux dejjem insibu parabboli puri. L-ewwelnett fl-Antik Testment niltaqgħu ma' 7 parabboli, li hu ta' min isemmihom hawnhekk:

- tal-profeta Natan lis-Sultan David dwar l-ħarufa ta' l-imsejken raġel f'2 Sam 12:1-4.
- tal-mara vistuża minn Tekugħa f'2 Sam 14:1-11.
- ta' wieħed profeta lil Aħab f'1 Slat 20:35-40.
- tal-għalqa tad-dwieli f'Is 5:1-7.
- tad-dielja u l-ajkla f'Ezek 17:3-10.
- tal-iljun f'Ezek 19:2-14.
- tal-borma tagħli f'Ezek 24:3-5.

Fil-Ġdid Testment, il-parabboli nsibuhom fil-vanġeli sinottiċi, ta' San Mattew, San Mark u San Luqa. F'San Ġwann ma nsibux parabboli izda metafori, allegoriji u diskorsi li aktarx jirrappreżentaw veritajiet għoljin u astratti.

F'San Mattew insibu 21 parabbola, fejn ħdax minnhom insibuhom fil-vanġelu tiegħu biss. Dawn huma l-parabboli li nsibu f'Mattew biss:

- tas-sikrana f'13:24-30.
- tat-teżor moħbi f'13:44.
- tal-ġawhra f'13:45.
- tax-xibka f'13:47.
- tal-qaddej li ma jaħfirx f'18:21-35.

- tal-ħaddiema fil-għalqa tad-dwieli f'20:1-16.
- taż-żewġ ulied f'21:28-32.
- tal-festa tat-tieġ ta' iben is-sultan f'22:1-14.
- tal-għaxar xebbiet f'25:1-13.
- tat-talenti f'25:14-30.
- tan-nagħaġ u l-mogħoz fil-ġudizzju f'25:31-46.

San Mark għandu 9 parabboli fejn tnejn minnhom insibuhom fil-vanġelu tiegħu biss, li huma l-parobboli:

- taz-żerriegħa li tinbet waħedha f'4:26-29.
- u tal-bniedem li siefer u telaq mid-dar f'13:33-37.

San Luqa imbagħad għandu 28 parabbola fejn sbatax minnhom jinsabu fil-vanġelu tiegħu biss, li huma dawn:

- taż-żewġ midjunin f'7:41-42.
- tas-samaritan it-tajjeb f'10:25-37.
- il-ħabib li jiġi nofs ta' lejl f'11:5-13.
- tal-għani iblaħ f'12:16-21.
- tal-qaddejja li jishru f'12:35-40.
- tal-qaddej il-fidil u tal-qaddej il-ħazin f'12:42-48.
- tat-tina bla frott f'13:6-9.
- tal-pranzu f'14:15-24.
- tat-torri u tas-sultan sejjer għall-gwerra f'14:28-33.
- tad-drakma l-mitlufa f'15:8-10.
- tal-iben il-ħali f'15:11-32.



- tal-amministratur li ma kienx fidil f'16:1-13.
- tal-għani u Lazzru f'16:19-30.
- tad-dmir il-qaddej f'17:7-10.
- tal-imħallef u l-armla f'18:2-8.
- tal-farizew u l-pubblikan f'18:9-14.
- tal-għaxar miniet f'19:11-27.

Fis-sinottiċi b'kollox insibu 40 parabbola. Tlieta minnhom insibuhom f'Mattew u f'Luqa biss u huma dawn li ġejjin:

- tas-sisien tajba u dawk ħżiena f'Mt 7:24-27 u f'Lq 6:47-49.
- tal-ħmira f'Mt 13:33 u f'Lq 13:21-21.
- tan-nagħġa l-mitlufa f'Mt 18:12-14 u f'Lq 15:3-7.

Huma sebgħa b'kollox il-parabboli li jinsabu fi tliet vanġeli u huma dawn:

- tal-musbieħ taħt il-modd f'Mt 5:15-16; f'Mk 4:21 u f'Lq 8:16.
- tal-libsa l-qadima u drapp ġdid f'Mt 9:16; f'Mk 2:21 u f'Lq 5:36.
- tal-inbid ġdid f'damiġġani ġodda f'Mt 9:17; f'Mk 2:22 u f'Lq 5:37.
- taż-żerriegħa f'Mt 13:3-9; f'Mk 4:3-9 u f'Lq 8:5-8.
- taż-żerriegħa tal-mustarda f'Mt 13:31-32; f'Mk 4:30-32 u f'Lq 13:18-19.
- tal-għalqa u l-bdiewa f'Mt 21:33-46; f'Mk 12:1-12 u f'Lq 20:9-19.
- tas-siġra tat-tin f'Mt 24:32-35, f'Mk 13:28-31 u f'Lq 21:29-33.



Kif qegħdin naraw mit-temi ta' dawn il-parabboli, uħud minnhom jittrattaw is-Saltna ta' Alla, il-Knisja, oħrajn il-ġudizzju u s-salvazzjoni, oħrajn juru l-ħniena u l-imħabba ta' Alla u oħrajn jgħallmuna dwar id-dmirijiet tan-nisrani lejn Alla u lejn il-proxxmu permezz tal-indiema, it-talb, il-fidi u l-karità.

## Il-Parabboli llum

Dawn il-parabboli ta' Ġesù jibqgħu dejjem attwali għaliex il-messaġġ tagħhom hu dejjem validu u dan għaliex Ġesù qed jgħallem illum ukoll. Huwa tajjeb ħafna li l-katekisti jużaw dawn il-parabboli fil-katekeżi tat-tfal u fil-preparazzjoni tagħhom għas-sagramenti. Huma dejjem strument importanti u effikaċi għat-tixrid tal-Kelma ta' Alla qalb il-poplu tal-Knisja ta' Kristu.

**Biblijografija**


Boucher, M., *The Parables*, Wilmington 1981.

Crossan, J.D., *Cliffs of Fall: Paradox and Polyvalence in the Parables of Jesus*, New York 1980.

Drury, J., *The Parables in the Gospels*, New York 1985.

Goulder, M., "Characteristics of the Parables in the Several Gospels", in *JTS* 19 (1968) 51-69.

Westermann, C., *Vergleiche und Gleichnisse im Alten und Neuen Testament*, Stuttgart 1984.

Wilder, A., *The Language of the Gospel*, New York 1964.






# IS-SAĊERDOZJU TA' KRISTU FL-ITTRA LIL-LHUD (3)

*Noel Muscat ofm*

L-Ittra lil-Lhud tiżviluppa t-tema ta' Kristu bħala qassis il-kbir mill-kapitlu 4 'l quddiem. Fit-teoloġija li jiżviluppa l-awtur juri qabel xejn li Kristu hu qassis il-kbir li jħenn għalina l-midinbin, u mbagħad li hu qassis il-kbir skont l-ordni ta' Melkisedek.

## Kristu hu qassis il-kbir li jħenn għall-midinbin (Lhud 4,14 – 5,10)

"Mela meta aħna għandna l-qassis il-Kbir, li hu tassew kbir, qassis li daħal fis-smewwiet, Ġesù, Bin Alla, ħa nżommu sħiħa l-fidi tagħna u nistqarruha. Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna, imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra d-dnub. Ħa nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu" (4,14-16).

L-awtur tal-Ittra jgħid li Kristu mar biex jieħu t-tron tiegħu fis-smewwiet (8,1; 9,24), xi minn daqqiet ukoll 'l hemm mis-smewwiet (7,26). Din l-espressjoni ma għandniex nifhmuha li tirreferi għal xi vjaġġ kożmiku li jagħmel Kristu. Il-kelmiet iridu jesprimu pjuttost il-glorifikazzjoni ta' Kristu rxuxtat, glorifikazzjoni li hi ta' ordni spiritwali. Din il-glorifikazzjoni quddiem Alla tagħti lil Kristu awtorità sħiħa u toffri pedament sod lill-fidi.

Il-provi li għadda minnhom Kristu bħala bniedem fuq din l-art, wassluh biex ikun qrib il-bnedmin u jipprovdu l-bażi tal-fiduċja fih li l-istess bnedmin għandhom. Fl-istess ħin dawn il-provi mhux talli ma jbegħdux lill-bnedmin minn Alla, imma saħansitra jgħolluhom biex jidħlu fil-preżenza tiegħu. Dan jistgħu jagħmluh bil-qawwa ta' Ġesù, li ma kienx skjav tad-dnub (cfr. 7,26; 9,14; Ġw 8,46; 2Kor 5,21; 1Ġw 3,5).

Hekk qrib għall-bnedmin u qrib ukoll ta' Alla, Kristu glorifikat isir għalina l-qassis il-kbir u perfett li jidħol għalina u li jħenn għalina.

"Kull qassis il-kbir meħud minn fost il-bnedmin, hu mqiegħed għall-bnedmin f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, biex joffri doni u sagrifiċċji għad-dnubiet. Hu dak li jista' jagħder lil dawk li ma jafux u li jiżbaljaw, għax huwa mlibbes bid-dgħufija; u minħabba f'hekk għandu joffri sagrifiċċji għad-dnubiet tiegħu wkoll, bħalma joffrihom għad-dnubiet tal-poplu. Ħadd ma għandu jieħu b'idejh dal-ġieħ għalih innifsu, imma biss min hu msejjaħ minn Alla, sewwasew kif kien imsejjaħ Aron. Għax hekk ukoll, Kristu ma tax lilu nnifsu l-ġieħ li jkun il-qassis il-kbir, imma dan tahulu Alla, li qallu: 'Ibni, int; illum, jien nissiltek' (S 2,7). U kif jgħid ukoll band'oħra: 'Int qassis għal dejjem skont l-ordni ta' Melkisedek' (S 110,4). Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla. Għad li kien Iben, tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza. U billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min jisma' minnu, wara li Alla għamlu l-qassis il-kbir skont l-ordni ta' Melkisedek".

Fit-Testment il-qadim is-saċerdozju kien jinkludi tliet aspetti prinċipali: (1) is-saċerdot hu l-bniedem tad-dar ta'

Alla, awtorizzat li jersaq lejn Alla fil-kult (Eż 28,43; 29,30; Num 18,1-7); (2) is-saċerdot jikkonsulta ma' Alla u jwassal id-deċiżjonijiet divini lill-poplu, mela hu medjatur tal-liġi ta' Alla, u bejn Alla u l-poplu (Dt 33,8ss; Lev 10,11); (3) fl-aħħar nett is-saċerdot joffri s-sagrificcji (Lev 1; 4; 9).

F'din is-silta l-awtur jillimita lilu nnifsu għall-figura ta' Aron, u jisħaq dwar l-aspett uman tas-saċerdozju, li jidħol hekk f'relazzjoni mal-bnedmin midinbin. Fil-kult sagrifikali wieħed isib l-espressjoni tas-solidarjetà profonda tal-qassis il-kbir mal-bnedmin quddiem Alla.

Dan l-atteġġjament ta' dipendenza umli fuq Alla jikkundizzjona lil dak li jaspira għas-saċerdozju. Għaldaqstant il-qassis il-kbir kellu juri solidarjetà sħiħa fil-kundizzjoni umana, billi anke hu għandu bżonn joffri sagrificcji għad-dnubiet tiegħu stess kif jagħmel għad-dnubiet tal-poplu. Imma Kristu hu veru qassis il-kbir, għax billi hu bla dnub, seta' joffri sagrifiċċju wieħed darba għal dejjem biex hekk jelimina darba għal dejjem id-dnubiet. Is-saċerdozju tiegħu, mela, hu differenti minn dak Levitiku, li ma kellux qawwa li jneħħi d-dnubiet sempliċement billi joffri annimali f'sagrifiċċji u olokawsti. Is-saċerdozju ta' Kristu jsegwi dak ta' Melkisedek. Fuq is-salib Kristu jsir il-vittma u l-qassis perfett li fil-ġisem tiegħu Alla jirbaħ id-dnub u jsalva l-umanità.



## Kristu bħala qassis il-kbir skont l-ordni ta' Melkisedek (7,1-28)

Qabel xejn l-awtur tal-Ittra lil-Lhud jiddeskrivi lil Melkisedek bħala qassis il-kbir, biex juri li s-saċerdozju ta' Kristu jixbah lil tiegħu, u li għalhekk Kristu hu tassew qassis kbir li s-sacerdozju tiegħu ma jintemm qatt.

"Għax dan Melkisedek, sultan ta' Salem u qassis ta' Alla l-għoli, xħin Abraham kien ġej lura mix-xebgħa li kien ta lis-slaten, ħareġ jiltaqa' miegħu u bierku; lilu mbagħad Abraham tah sehem minn kollox, bħala għexur. Isem Melkisedek ifisser l-ewwel nett 'Sultan tal-Ġustizzja', imbagħad 'Sultan ta' Salem', jiġifieri, sultan tas-sliem. Hu jidher bla missier, bla omm, bla nisel, qisu la għandu bidu u lanqas tmiem ta' ħajtu. Imma, biex ikun jixbah lill-Iben ta' Alla, jibqa' qassis għal dejjem" (7,1-4).

F'7,4-10 l-awtur tal-Ittra jkompli juri kif kien Abraham li ta l-għexur lil Melkisedek. Hekk is-saċerdozju ta' Melkisedek hu superjuri għas-saċerdozju



ta' Levi li kellu jitnissel minn Abraham. Għaldaqstant, jekk Kristu għandu saċerdozju li jixbah lil dak ta' Melkisedek, mela hu l-veru qassis il-kbir skont is-Salm 110,4 u b'hekk is-saċerdozju Levitiku issa ma għadx għandu sens quddiem is-saċerdozju tat-Testment il-Ġdid inawgurat fil-persuna ta' Kristu qassis il-kbir.

L-awtur ikompli: "Issa, kieku l-perfezzjoni kellha tkun bis-saħħa tas-saċerdozju ta' Levi – għax kien minħabba fih li l-poplu ħa l-Liġi – xi bżonn kien hemm li jqum qassis ieħor li jissejjaħ skont l-ordni ta' Melkisedek u mhux skont l-ordni ta' Aron? Għax jekk jitbiddel is-saċerdozju, jeħtieġ li titbiddel ukoll il-Liġi. U dak li fuqu jingħadu dawn il-ħwejjeġ hu minn tribù ieħor, li minnu qatt ma kien hemm ħadd mogħti għas-servizz tal-altar. Għax hu magħruf li l-Mulej tagħna ġej mit-tribù ta' Ġuda, li fuqu Mosè qatt ma qal xejn meta tkellem fuq is-saċerdozju" (7,11-14).

L-espressjoni użata mill-awtur tal-Ittra għall-kelma "perfezzjoni" hi *teleiosis*, kelma li, fil-Pentatewku, kienet dejjem tirreferi għar-riti levitici tal-konsagrazzjoni saċerdotali. B'hekk l-awtur issa juri li s-saċerdozju levitiku ma kienx ħaqqu aktar dan l-attribut ta' perfezzjoni, għax il-veru saċerdozju perfett hu dak skont l-ordni ta' Melkisedek, li l-awtur tiegħu hu Kristu. Bħal Melkisedek, Kristu ma kienx jagħmel parti minn xi familja saċerdotali. L-appartenenza tiegħu għat-tribù ta' Ġuda, li mhijiex tribù saċerdotali, tidher mit-Testment il-Ġdid, l-aktar Mt 1,2 u Lq 3,33. It-testi li juru lil Ġesù bħala iben David huma konferma ta' dan, u David hu dixxendent ta' Ġuda (Rm 1,3; Lq 1,32; Mt 9,27; 2Tim 2,8).

L-awtur tal-Ittra mbagħad jiddikjara: "Dan jidher wisq aktar ċar fil-każ li l-qassis l-ieħor, li jiġi, jkun jixbah lil Melkisedek, hu li sar qassis mhux b'liġi tan-nisel tal-ġisem, imma bil-qawwa ta' ħajja li ma tintemmx. Għax għalih tixhed l-Iskrittura: 'Int qassis għal dejjem skont l-ordni ta' Melkisedek' (S 110,4)".

B'hekk is-saċerdozju ta' Ġesù jinawgura ż-żminijiet ġodda tal-grazzja. "Daqshekk ieħor hu aqwa l-patt li tiegħu Ġesù hu l-medjatur" (7,32). Hu jsir għaldaqstant il-mudell tas-saċerdozju perfett tal-patt il-ġdid li jibqa' għal dejjem, hekk li kull saċerdozju ministerjali fil-Knisja għandu sens biss fid-dawl ta' dan is-saċerdozju ta' Kristu:

"Dan hu, tabilħaqq, il-qassis il-kbir li kien jgħodd għalina: qaddis, innoċenti, safi, maqtugħ mill-midinbin, merfugħ 'il fuq mis-smewwiet; li ma għandux bżonn, bħall-qassisin il-kbar l-oħra, joffri kuljum is-sagrifiċċju, l-ewwel għad-dnubiet tiegħu stess, imbagħad għad-dnubiet tal-poplu. Dan hu għamlu darba għal dejjem, meta offra lilu nnifsu. Għax il-Liġi tqiegħed bħala qassisin il-kbar bnedmin li huma dgħajfa; iżda l-kelma tal-ġurament, li ġiet wara l-Liġi, tqiegħed Iben, li ġie magħmul perfett għal dejjem".


Fl-Art Imqaddsa
mal-Franġiskani - 2011
25 ta' Jannar - 2 ta' Frar 2011
Prezz: €1150
Ikteb jew ċempel:
Kummissarjat tal-Art Imqaddsa
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

# Personaġġi Rġiel fil-Bibbja

*Mons. Lawrenz Sciberras*




***Għal min jixtieq iduq aktar il-benna u l-ġmiel tal-istorja tas-salvazzjoni, dan il-ktieb huwa grazzja. Bi stil sempliċi u mexxej, l-awtur iqegħidna fir-rakkonti u fil-kuntest vitali ta' dawn l-irġiel li huma wkoll, huma ħoloq f'katina twila ta' ġrajjiet u avventuri fil-misteru ta' Alla.***

## Prezz: €10

**Kummissarjat tal-Art Imqaddsa**
8, Triq Santa Luċija,
Valletta, VLT 1188
Malta
Tel: 2124 2254
E-mail: comalt@ofm.org.mt
www.ofm.org.mt

Edizzjoni TAU

# L-Art Imqaddsa mal-Franġiskani

ċempel: 21242254

